MT 2020

26

Rapport Speċjali

# Ambjent tal-baħar: il-protezzjoni tal-UE hija wiesgħa iżda mhux approfondita

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej


Paragrafu

## Sommarju eżekuttiv I-VII

## Introduzzjoni 01-24

### L-ibħra u l-oċeani tal-UE 01-08

### Azzjoni tal-UE 09-24

Politika komuni tas-sajd 10-15

Politiki ambjentali 16-21

Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri 22-23

Finanzjament mill-UE 24

## Ambitu u approċċ tal-awditjar 25-29

## Osservazzjonijiet 30-82

### L-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi fl-applikazzjoni tal-qafas tal-UE għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar 30-51

Iż-żoni tal-baħar protetti tal-UE fil-prattika jipprovdu protezzjoni limitata 31-39

L-għodod regolatorji li jorbtu l-politika tal-UE dwar il-bijodiversità tal-baħar mal-PKS tagħha ma ħadmux tajjeb fil-prattika 40-46

Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni ma wasslux għall-irkupru ta' ammont sinifikanti ta' ekosistemi u ta' ħabitats tal-baħar. 47-51

### Progress fl-Atlantiku, iżda r-riżultati fil-Mediterran mhumiex sodisfaċenti 52-75

Titjib li jista' jitkejjel fl-Atlantiku 55-58

Għadd kbir ta' azzjonijiet tal-UE ma naqqsux is-sajd eċċessiv fil-Mediterran 59-71

L-għodod tal-UE biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda tas-sajd mhumiex allinjati mill-qrib mal-ħtiġijiet reġjonali u mal-impatti ambjentali 72-75

### Sehem żgħir mill-finanzjament mill-UE jintuża għall-appoġġ tal-konservazzjoni tal-baħar 76-82

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet 83-97

## Annessi

### Anness I — Tekniki tas-sajd

### Anness II — MPAs magħżula

## Akronimi u abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

## Tim tal-awditjar

## Kronoloġija

# Sommarju eżekuttiv

**I** L-ibħra tal-Unjoni Ewropea (UE) huma vasti, u fihom abbundanza ta' ħabitats u speċijiet. L-UE għandha politika għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar. Ix-xjenzati u dawk li jfasslu l-politika rrikonoxxew li s-sajd, permezz tal-estrazzjoni tar-riżorsi u l-ħsara li ssir lill-qiegħ il-baħar, huwa pressjoni ewlenija fuq l-ambjent tal-baħar.

**II** Il-politika komuni tas-sajd tal-UE tkopri s-sajd fl-ibħra tal-UE, u għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu ambjentalment sostenibbli. Il-Kummissjoni għandha rwol akbar fil-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar milli għandha għall-politiki ambjentali, fejn hija u l-Istati Membri jikkondividu r-responsabbiltà. Il-politiki ambjentali marittimi l-aktar rilevanti huma stipulati fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marittima, u fid-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats. Il-finanzjament mill-UE huwa mifrux fuq strumenti ta' finanzjament differenti.

**III** Is-sena 2020 kienet waħda importanti għall-UE f'termini ta' lħuq tal-objettivi għall-ambjent tal-baħar, u fl-2021 se ssir laqgħa tal-konferenza rigward il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità. Ir-rapport tagħna jista' jgħin biex jipprovdi informazzjoni għad-diskussjonijiet ta' politika fil-ġejjieni.

**IV** Dan l-awditu eżamina jekk il-qafas tal-UE li jindirizza l-pressjonijiet prinċipali fuq il-bijodiversità u l-ħabitats tal-baħar kienx ġie imfassal u applikat tajjeb fil-prattika f'partijiet magħżula tal-Atlantiku u tal-Mediterran, u jekk kinux inkisbu riżultati mill-użu tal-fondi tal-UE.

**V** Aħna sibna li, b'mod ġenerali, filwaqt li kien hemm qafas fis-seħħ għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE ma kinux ippermettew li l-ibħra jiġu restawrati għal status ambjentali tajjeb, u lanqas li s-sajd imur lura għal livelli sostenibbli fl-ibħra kollha: din il-valutazzjoni hija appoġġata minn rapport mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ippubblikat hekk kif ikkonkludejna x-xogħol tal-awditjar tagħna, li identifika li l-bijodiversità tal-baħar fl-ibħra Ewropej għadha taħt theddida. Proporzjon għoli ta' valutazzjonijiet tal-ispeċijiet u l-ħabitats tal-baħar qed ikomplu juru "status ta' konservazzjoni mhux favorevoli" jew status li "mhuwiex magħruf". Filwaqt li sibna li l-azzjoni li ttieħdet mill-UE fir-rigward tal-Atlantiku kienet irriżultat fi progress li jista' jitkejjel, fil-Mediterran baqa' jsir ammont sinifikanti ta' sajd eċċessiv; u sehem żgħir mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd intuża biex tiġi appoġġata l-konservazzjoni tal-baħar.

**VI** B’mod partikolari, aħna sibna li:

(a) Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni ma wasslux għall-irkupru ta’ ammont sinifikanti ta’ ekosistemi u ħabitats. In-network ta’ żoni tal-baħar protetti ma kienx rappreżentattiv tad-diversi ibħra tal-UE u xi drabi ftit li xejn ipprovda protezzjoni. Fil-prattika, id-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tal-politika tas-sajd mal-politika ambjentali ma kinux ħadmu kif kien intenzjonat, u l-ispeċijiet u l-ħabitats li huma protetti permezz tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats kienu bbażati fuq valutazzjonijiet tat-theddid li ma kinux aġġornati.

(b) Fl-Atlantiku, fejn il-ġestjoni tas-sajd hija fil-biċċa l-kbira marbuta ma’ limiti fuq il-qabdiet permissibbli, kien hemm titjib li jista’ jitkejjel. Is-sajd għall-maġġoranza tal-istokkijiet tal-ħut kien sostenibbli. Madankollu, għal ħafna stokkijiet kien għadu qed isir sajd eċċessiv.

(c) Fil-Mediterran, fejn il-ġestjoni tas-sajd hija fil-biċċa l-kbira marbuta ma’ limiti fuq l-isforz tas-sajd (u mhux fuq il-qabdiet), ir-rati tas-sajd kienu laħqu livelli li kienu darbtejn ogħla minn dawk sostenibbli.

(d) L-Istati Membri li żorna użaw 6 % tal-finanzjament tagħhom permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fuq miżuri li huma direttament relatati mal-miżuri ta’ konservazzjoni, u 8 % oħra fuq miżuri li huma indirettament relatati mal-miżuri ta’ konservazzjoni; u aħna rajna eżempji tajba ta’ proġetti ffinanzjati mill-programmi LIFE u Interreg.

**VII** Ibbażat fuq dawn is-sejbiet, aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li:

(1) jidentifikaw il-bidliet regolatorji u amministrattivi meħtieġa biex jiġu protetti l-ispeċijiet u l-ħabitats sensittivi,

(2) itejbu l-miżuri ta’ protezzjoni fil-Mediterran, u

(3) iżidu l-potenzjal tal-finanzjament mill-UE.

# Introduzzjoni

## L-ibħra u l-oċeani tal-UE

**01** L-Unjoni Ewropea (UE) hija impenjata li tippromwovi l-użu sostenibbli tal-oċeani u li tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar. Kemm l-UE bħala korp kif ukoll l-Istati Membri individwali tagħha huma partijiet għal bosta ftehimiet internazzjonali rilevanti għall-protezzjoni tal-ħabitats u l-ispeċijiet tal-baħar. Dawn jinkludu konvenzjonijiet dwar il-Liġi tal-baħar, id-Diversità Bijoloġika, l-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (Konvenzjoni ta' Bonn), u l- Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (Konvenzjoni ta' Bern). Il-konvenzjonijiet dwar l-ibħra reġjonali u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) ukoll għandhom rwol ewlieni.

**02** Fl-2015, in-NU adottat Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, li jistabbilixxu miri relatati mal-"ħajja taħt l-ilma" (ara l-***Kaxxa 1***). L-UE hija impenjata li tilħaq dawn l-għanijiet fl-ibħra tagħha.

### Kaxxa 1

### Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tan-NU: il-ħajja taħt l-ilma

Dan l-għan huwa mmirat lejn il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-ibħra u r-riżorsi tal-baħar. Huwa jkopri:

- il-kisba tal-mira ta' Aichi li, sal-2020, jiġu koperti 10 % tal-ilmijiet tal-baħar permezz ta' żoni protetti jew miżuri ta' konservazzjoni oħra li jkunu effettivi;
- it-tmiem tas-sajd eċċessiv, illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, kif ukoll tal-prattiki tas-sajd distruttivi sal-2020;
- il-projbizzjoni ta' ċerti forom ta' sussidji tas-sajd sal-2020; u
- il-permess għal sajjieda artiġjanali li jaħdmu fuq skala żgħira biex ikollhom aċċess għar-riżorsi tal-baħar u għas-swieq.

**03** L-ibħra tal-UE huma vasti (it-terminu "ibħra" jintuża f'dan ir-rapport biex ikopri kemm l-Oċean Atlantiku kif ukoll ibħra oħra). Huma fihom abbundanza ta' ħabitats u speċijiet u huma ekonomikament, soċjalment u ambjentalment importanti għall-UE, hekk kif jintwera fil-***Figura 1***.

## Figura 1 – L-importanza tal-ibħra tal-UE




*Sorsi:* il-QEA, ibbażat fuq is-sit web tad-DĠ ENV u "State of Europe's Seas", l-EEA, 2015.

**04** It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-UE tintegra l-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli fil-politiki tagħha[1].

**05** Skont it-TFUE, l-UE għandha kompetenza esklużiva fuq il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar permezz tal-politika komuni tas-sajd tagħha[2] (PKS). Il-Kummissjoni u l-Istati Membri[3]jikkondividu r-responsabbiltà għall-politiki ambjentali, li fosthom dawk l-aktar rilevanti għall-ibħra huma stipulati f'direttivi: id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marittima[4] (MSFD) u d-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats[5] (BHDs).

---

1 L-Artikoli 7 u 11 tat-TFUE.

2 L-Artikolu 3 tat-TFUE: "1. L-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fl-oqsma li ġejjin: (…) il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-qafas tal-politika komuni tas-sajd".

3 L-Artikolu 4 tat-TFUE: "2. Il-kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tapplika għall-oqsma prinċipali li ġejjin: (…) (e) l-ambjent".

4 Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina). ĠU L 164, 25.6.2008.

5 Rispettivament, id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u d-Direttiva tal-Kunsill

**06** Fl-2015, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) irrappurtat dwar il-fatt li l-istat ta' ħafna speċijiet u ħabitats tal-baħar mhuwiex sodisfaċenti, u kkonkludiet li ma setgħetx tqis li l-ibħra tal-Ewropa huma "b'saħħithom" jew "nodfa"[6]. Fl-2020, l-EEA rrappurtat li t-telfien tal-bijodiversità tal-baħar fl-ibħra tal-Ewropa ma kienx twaqqaf, u li proporzjon għoli ta' valutazzjonijiet tal-ispeċijiet u tal-ħabitats tal-baħar juru status ta' konservazzjoni mhux favorevoli jew status li ma kienx magħruf[7]. Il-***Figura 2*** turi l-klassifikazzjoni tal-EEA tal-kundizzjoni tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ewropa.

---

92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

[6] L-EEA: State of Europe's Seas, 2015.

[7] Ir-Rapport Nru 17/2019 tal-EEA: Marine messages II, Navigating the course towards clean, healthy and productive seas through implementation of an ecosystem-based approach, 2020.

## Figura 2 – Il-klassifikazzjoni tal-EEA tal-kundizzjoni tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ewropa




**Klassifikazzjonijiet ibbażati fuq BEAT+ tal-Klassifikazzjoni integrata tal-kundizzjoni tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ewropa**

Għolja
Tajba
Moderata
Mhux sodisfaċenti
Ħażina
*Data* insuffiċjenti
Barra mill-kopertura

100x100 km fiż-żoni lil hinn mill-kosta (> 20 km mill-kosta)

20x20 km f'żoni kostali (≤ 20 km mill-kosta)

*Sors:* © L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ir-Rapport tal-EEA, Marine messages II, 2020, il-Figura 3.1, p. 27.

**07** Is-sajd, permezz tal-estrazzjoni tar-riżorsi u l-ħsara li ssir lill-qiegħ il-baħar, huwa waħda mill-pressjonijiet ewlenin fuq l-ambjent tal-baħar. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent irrappurtat fl-2020[8] li l-attivitajiet tas-sajd kienu responsabbli għal xi wħud mill-pressjonijiet prinċipali fuq l-ekosistemi fl-ibħra Ewropej, u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi rrappurtat fl-2019[9] li s-sajd kellu l-akbar impatt fuq l-ekosistemi tal-baħar. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) tosserva li l-bastimenti tat-tkarkir għandhom effetti drammatiċi fuq l-ekosistema, li jinkludu ħsara fiżika f'qiegħ il-baħar, is-sajd eċċessiv ta' riżorsi demersali, l-ammont kbir ta' qabdiet aċċessorji u l-qbid skartat[10]. Il-***Figura 3*** turi r-relazzjoni bejn is-sajd u l-konservazzjoni, u l-***Anness I*** jiddeskrivi fil-qosor xi tekniki tas-sajd.

## Figura 3 – L-impatti tas-sajd eċċessiv




*Sors:* il-QEA.

**08** Is-sajd jista' jinvolvi l-qbid aċċessorju ta' speċijiet vulnerabbli (bħal klieb il-baħar), jew ta' mammiferi tal-baħar, tjur tal-baħar, u fkieren. It-tibdil fil-klima, it-tniġġis, l-iżvilupp kostali, id-disturb ta' qiegħ il-baħar u t-tixrid ta' speċijiet mhux indiġeni wkoll għandhom impatt fuq il-bijodiversità tal-baħar. Fl-2015, l-Unjoni Internazzjonali għall-

---

[8] Ir-Rapport Nru 17/2019 tal-EEA: Marine messages II, il-Figura 4.1.

[9] IPBES 2019: Global assessment report on biodiversity and ecosystem services.

[10] Ara l-istudju tal-FAO: "Ecosystem Effects of Fishing in the Mediterranean: An Analysis of the Major Threats of Fishing Gear and Practices to Biodiversity and Marine Habits", 2004.

Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) irrappurtat li 7.5 % tal-ispeċijiet ta' ħut tal-baħar Ewropej ġew mhedda bl-estinzjoni, u li ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni xjentifika disponibbli biex jiġi evalwat ir-riskju ta' estinzjoni għal 20.6 % oħra ta' speċijiet ta' ħut[11].

## Azzjoni tal-UE

**09** L-UE għandha qafas fis-seħħ għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Dan jinkludi diversi direttivi ambjentali u regolamenti dwar is-sajd. Il-*Figura 4* tagħti ħarsa ġenerali lejn il-politiki tal-UE l-aktar rilevanti għal dan l-awditu.

### Figura 4 – Ħarsa ġenerali lejn il-politiki




*Sors:* il-QEA.

### Politika komuni tas-sajd

**10** Il-politika komuni tas-sajd (PKS)[12] tistabbilixxi r-regoli għas-sajd tal-UE. Hija għandha wkoll l-għan li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu ambjentalment sostenibbli, u li timminimizza kemm jista' jkun l-impatti negattivi tagħhom fuq l-ekosistema tal-

---

[11] L-IUCN: "European Red List of Marine Fishes", 2015.

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd. ĠU L 354, 28.12.2013. Dan ir-regolament huwa l-att bażiku tal-politika u huwa kkomplementat minn ħafna atti legali oħra. Għal skopijiet ta' simplifikazzjoni, aħna se nirreferu għal dan ir-Regolament bħala "PKS".

baħar[13]. Il-PKS għandha l-għan li tiżgura li, sal-2020, ir-rata tas-sajd ma taqbiżx ir-"rendiment massimu sostenibbli"[14] (ara l-***Kaxxa 2***).

## Kaxxa 2

### Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY)

Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-MSY tikseb livelli għolja ta' qabdiet filwaqt li jinżammu l-istokkijiet tal-ħut produttivi fi ħdan ekosistemi tal-baħar b'saħħithom: jekk il-ħut li jinqabad jaqbeż dan il-livell, l-istokkijiet tal-ħut jonqsu. L-applikazzjoni tal-MSY tinvolvi li l-istokkijiet tal-ħut jinżammu f'livelli li jkunu ogħla mill-"approċċ prekawzjonarju" meħtieġ mill-Konferenza tan-NU dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u mill-Ftehim tan-NU dwar il-Ħażniet ta' Ħut. L-approċċ prekawzjonarju għandu l-għan li jżomm l-istokkijiet tal-ħut 'il fuq mil-limiti bijoloġiċi sikuri u huwa kundizzjoni neċessarja, iżda mhux suffiċjenti, għall-MSY. Kemm l-approċċ prekawzjonarju kif ukoll l-MSY huma integrati fi ħdan l-approċċ ekosistemiku għall-ġestjoni tas-sajd, u jinvolvu t-teħid ta' livelli dejjem jonqsu ta' qabdiet tal-ħut:




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq Parir mogħti mill-ICES, Ġunju 2012 (ICES, 2012. Report of the ICES Advisory Committee 2012. ICES Advice, 2012. Book 1.).

[13] L-Artikolu 2 tal-PKS.

[14] Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 2 tal-PKS.

**11** Il-PKS kellha l-objettiv li tikseb l-MSY “fejn possibbli, [...] sal-2015 u, fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.” Fl-2019, l-EEA qieset li kien improbabbli li l-UE tilħaq l-objettiv tagħha tal-politika tal-PKS għall-2020 fil-Mediterran[15].

**12** Suġġett għar-regoli tal-PKS, il-bastimenti tas-sajd tal-UE jistgħu jistadu fl-ibħra kollha tal-UE. Fl-ilmijiet kostali, l-Istati Membri jimmaniġġjaw l-aċċess skont eċċezzjoni temporanja li mill-1983 ’il hawn ġiet suċċessivament imġedda[16].

**13** Il-ġestjoni tas-sajd tal-UE hija organizzata b’mod differenti fl-Atlantiku u l-Mediterran: fl-Atlantiku, fil-biċċa l-kbira, tiġi applikata sistema ta’ kwoti; filwaqt li l-Mediterran huwa fil-biċċa l-kbira regolat minn reġim tal-isforz tas-sajd. Għall-Atlantiku, kull sena, l-UE tistabbilixxi limiti ta’ qbid, deżinjati bħala “Qabdiet Totali Permissibbli” (TACs), u tallokahom [17] fost l-Istati Membri u skont iż-żona tas-sajd. Fil-Mediterran, japplikaw ukoll żewġ Regolamenti tal-UE: ir-Regolament dwar il-Mediterran (“MedReg”)[18] u r-Regolament għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (“Regolament dwar il-GFCM”)[19], li fihom kemm miżuri ta’ ġestjoni kif ukoll miżuri tekniċi. Il-***Kaxxa 3*** tagħti eżempju ta’ TACs u ta’ sforz tas-sajd.

---

[15] L-EEA: “Status of marine fish and shellfish stocks in European seas”, 2019.

[16] L-Artikolu 5 tal-PKS.

[17] Għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2020, ara r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta’ Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, ĠU L 25, 30.1.2020.

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta’ Diċembru 2006 dwar miżuri ta’ ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran. ĠU L 409, 30.12.2006.

[19] Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran). ĠU L 347, 30.12.2011.

## Kaxxa 3

### "Qabdiet totali permissibbli" bi tqabbil mal-"isforz tas-sajd"

F'Jannar 2020, il-Kunsill stabbilixxa l-**qabdiet totali permissibbli** għal ċerti stokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku għall-2020. Dawn jinkludu 922 064 tunnellata ta' Kavalli (*Scomber scombrus*) li jiġu kondiviżi bejn 14-il Stat Membru tal-UE, in-Norveġja u l-Gżejjer Faeroe, skont iż-żoni tal-baħar iddefiniti. Għal dan l-istokk, ma kien hemm l-ebda limitu rigward l-għadd ta' jiem fuq il-baħar għad-dgħajjes tas-sajd.

F'Diċembru 2019, il-Kunsill stabbilixxa l-**isforz tas-sajd** massimu permissibbli għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2020. Dan kien jinkludi massimu ta' 108 349 jum fuq il-baħar għad-dgħajjes tas-sajd Taljani, u 39 257 jum għad-dgħajjes Kroati, biex jistadu għall-merluzz, il-gamblu abjad, l-iskampu, u t-trilja tal-ħama fil-Baħar Adrijatiku. Għal dawn l-istokkijiet, ma kien hemm l-ebda limitu fuq il-qabdiet.

**14** Sal-2019, meta daħal fis-seħħ il-pjan ta' ġestjoni pluriennali (MAP) tal-UE għall-Punent tal-Mediterran u ġie adottat il-MAP tal-GFCM għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fl-Adrijatiku, il-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali kienu jistabbilixxu limitazzjonijiet tal-isforz skont l-Istat Membru u ma kien hemm l-ebda qafas għall-monitoraġġ tat-tnaqqis tal-isforz fil-livell tal-UE.

**15** L-UE, l-Istati Membri Mediterranji tagħha, u nazzjonijiet Mediterranji oħra huma partijiet għall-GFCM. L-objettivi tal-GCFM jinkludu l-iżgurar tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Baħar Mediterran[20]. Fl-2017, il-partijiet għall-GFCM, inkluża l-UE, iffirmaw id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Malta MedFish4Ever[21].

---

[20] L-Artikolu 2 tal-GFCM: "L-objettiv tal-Ftehim huwa li jiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli, fil-livell bijoloġiku, soċjali, ekonomiku u ambjentali, tar-riżorsi ħajjin tal-baħar, […] fiż-Żona ta' Applikazzjoni".

[21] Konferenza ministerjali tal-2017 dwar is-sostenibbiltà tas-sajd fil-Mediterran, id-dikjarazzjoni ministerjali ta' Malta MedFish4Ever. L-Eġittu ma ffirmax din id-dikjarazzjoni.

## Politiki ambjentali

### Żoni tal-baħar protetti tal-UE (Natura 2000)

**16** Id-Direttiva dwar l-Għasafar (1979) u d-Direttiva dwar il-Ħabitats (1992) għandhom l-għan li jipproteġu l-ispeċijiet u l-ħabitats mhedda fl-UE kollha, u flimkien joħolqu n-network ta' żoni protetti "Natura 2000". L-Istati Membri jiddeżinjaw u jimmaniġġjaw is-siti ta' Natura 2000. Iż-żoni protetti fil-baħar jissejħu żoni tal-baħar protetti (MPAs). Fi tmiem l-2019, kien hemm aktar minn 3 000 MPA ta' dan it-tip.

### Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)

**17** Fl-2007, il-Kummissjoni adottat politika marittima integrata[22], li għandha l-għan li ssaħħaħ il-koordinazzjoni bejn oqsma ta' politika differenti. L-MSFD tal-2008 hija l-pilastru ambjentali ta' din il-politika.

**18** L-MSFD tistabbilixxi reġjuni u sottoreġjuni tal-baħar (ara l-***Figura 5***) u tirrikjedi li l-Istati Membri jiksbu "status ambjentali tajjeb" fl-ibħra tagħhom sal-2020[23]. L-Istati Membri jridu jimplimentaw strateġiji għall-ibħra tagħhom, f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra li jikkondividu reġjun jew sottoreġjun tal-baħar.

---

[22] COM(2007) 575 final tal-10 ta' Ottubru 2007: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea".

[23] L-Artikolu 1 tal-MSFD.

## Figura 5 – Reġjuni u sottoreġjuni tal-baħar skont l-MSFD




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq id-dokument tekniku Delineation of the MSFD Article 4 marine regions and subregions.

**19** L-Istati Membri kellhom jivvalutaw l-ilmijiet tal-baħar tagħhom abbażi ta' 11-il deskrittur kwalitattiv (ara l-***Kaxxa 4***) u kellhom iressqu programmi ta' monitoraġġ u miżuri biex jinkiseb status ambjentali tajjeb sal-2020.

## Kaxxa 4

### Sommarju tad-deskritturi kwalitattivi għad-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb

(1) Id-diversità bijoloġika hija miżmuma.

(2) L-ispeċijiet mhux indiġeni huma f'livelli li ma jbiddlux negattivament l-ekosistemi.

(3) Il-popolazzjonijiet tal-ħut u tal-frott tal-baħar kollu sfruttati b'mod kummerċjali huma fi ħdan limiti bijoloġiċi sikuri.

(4) L-elementi kollha tas-sistemi marini tal-ikel, sa fejn huma magħrufa, kapaċi jiżguraw l-abbundanza tal-ispeċijiet fuq perjodu twil.

(5) L-ewtrofikazzjoni indotta mill-bniedem hi minimizzata.

(6) L-integrità ta' qiegħ il-baħar tkun f'livell li jiżgura li l-ekosistemi huma salvagwardjati.

(7) L-alterazzjoni permanenti tal-kundizzjonijiet idrografiċi ma taffettwax b'mod negattiv lill-ekosistemi tal-baħar

(8) Il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti mhumiex f'livelli li jagħmlu l-ħsara.

(9) Il-kontaminanti f'ħut u fi frott tal-baħar ieħor huma baxxi.

(10) L-iskart fil-baħar ma jikkawżax ħsara.

(11) L-introduzzjoni tal-enerġija, inkluż storbju ta' taħt il-baħar, ma taffettwax b'mod negattiv lill-ambjent tal-baħar.

**20** Fl-2018, il-Kummissjoni kkonkludiet[24] li kien meħtieġ titjib fil-programmi kollha ta' miżuri, u li x'aktarx ma kienx se jinkiseb status ambjentali tajjeb sal-2020 fir-reġjuni kollha tal-baħar u għad-deskritturi kollha[25]. Fl-2020, il-Kummissjoni rrikonoxxiet[26] li l-progress fl-ilħuq ta' status ambjentali tajjeb ma kienx mgħaġġel biżżejjed, u identifikat oqsma kritiċi fejn jista' jsir titjib.

**Strateġiji għall-Bijodiversità**

**21** Fl-2011, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-istrateġija għall-bijodiversità sal-2020[27], li stabbiliet il-mira li jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema tal-art u tal-baħar tal-UE sal-2020. Fl-2015, ir-rieżami ta' nofs il-mandat tal-istrateġija rrikonoxxa li l-ispeċijiet u l-ekosistemi tal-baħar kienu għadhom qed jonqsu fl-ibħra tal-UE u li n-network tal-baħar ta' Natura 2000 baqa' ma ġiex ikkompletat[28]. F'Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet Strateġija dwar il-Bijodiversità ġdida. Din għandha l-għan li tipproteġi mill-inqas 30 % taż-żona tal-baħar tagħha sal-2030, u li tipproteġi b'mod strett mill-inqas 10 %.

[24] COM(2018) 562 final tal-31 ta' Lulju 2018: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

[25] COM(2018) 562 final tal-31 ta' Lulju 2018: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

[26] COM(2020) 259 final tal-25 ta' Ġunju 2020: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

[27] COM(2011) 244 tat-3 ta' Mejju 2011: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-assigurazzjoni ta' ħajjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020".

[28] COM(2015) 478 final tat-2 ta' Ottubru 2015: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Ir-Rieżami ta' Nofs il-Mandat dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020".

## Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri

**22** Billi l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar hija kompetenza esklużiva tal-UE, il-Kummissjoni għandha rwol akbar f'dan il-qasam milli għandha għall-ambjent tal-baħar, fejn ir-responsabbiltajiet jiġu kondiviżi mal-Istati Membri. Il-Kummissjoni tipproponi Regolamenti għall-ġestjoni tas-sajd (b'mod notevoli rigward il-qabdiet permissibbli, il-metodi u l-kontrolli tas-sajd, u l-finanzjament). Il-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, għaż-żewġ oqsma ta' politika: għas-sajd, permezz tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (DĠ MARE) u, għall-ambjent tal-baħar, permezz tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) huwa grupp ta' esperti li jipprovdi pariri lill-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd; u l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huwa korp intergovernattiv tar-riċerka dwar il-baħar fl-Atlantiku tat-Tramuntana, li jipprovdi pariri xjentifiċi lill-Kummissjoni.

**23** It-***Tabella 1*** turi kif ir-responsabbiltajiet għall-politiki ambjentali u tas-sajd jinqasmu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'żoni tal-baħar differenti. L-Istati Membri huma responsabbli għal miżuri għall-implimentazzjoni tad-direttivi ambjentali, u għall-applikazzjoni tar-regoli stipulati fil-PKS. Dawn jinkludu d-dritt li jittieħdu miżuri protettivi fl-ilmijiet tal-baħar tagħha (pereżempju, bl-użu tal-Artikoli 11 u 20 tal-PKS).

## Tabella 1 – Responsabbiltajiet għall-politiki ambjentali u tas-sajd

| | | *Sajd* | *Ambjent* |
|---|---|---|---|
| 12-il mil nawtiku<br>100 mil nawtiku fil-Makaroneżja [a] | **Ibħra territorjali** | Stati Membri[b]<br>Unjoni Ewropea[c] | Stati Membri Kostali |
| 12-200 mil nawtiku<br>100-200 mil nawtiku fil-Makaroneżja | **ŻEE ddikjarati** | L-Unjoni Ewropea | Stati Membri Kostali |
| Żoni oħra[d] | **Żoni lil hinn miż-ŻEE** | RFMOs[e] | RSCs u RFMOs<br>(jekk ikunu ilmijiet internazzjonali)<br>Stati Membri<br>(jekk ikunu ilmijiet ta' stati sovrani) |

[a] Din ir-regola tapplika għar-reġjuni ultraperiferiċi kollha tal-UE.

[b] L-Istati Membri jirregolaw l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd għal dawn l-ilmijiet skont eċċezzjoni temporanja

[c] Il-PKS tagħti kompetenzi lill-UE fuq l-ilmijiet kollha tal-UE

[d] Ir-regoli tal-PKS japplikaw għall-bastimenti tal-UE u għaċ-ċittadini tal-UE f'ilmijiet internazzjonali

[e] Il-GFCM hija kompetenti għal ilmijiet territorjali, taż-ŻEE u dawk internazzjonali fil-Baħar tal-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

*Sors:* il-QEA.

## Finanzjament mill-UE

**24** Il-finanzjament mill-UE jista' jappoġġa l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar permezz ta' bosta strumenti (bħall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-programmi LIFE u Interreg), iżda l-ebda wieħed ma huwa speċifiku għall-protezzjoni tal-baħar. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament 508/2014, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEMS jinkludi appoġġ għall-PKS għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar. Il-Kummissjoni ma tirrappurtax b'mod espliċitu dwar it-total tal-finanzjament mill-UE ddedikat għall-ambjent tal-baħar.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

**25** Aħna analizzajna l-qafas ta’ politika u ta’ nfiq tal-UE, u kif dan indirizza l-pressjonijiet prinċipali fuq il-bijodiversità u l-ħabitats tal-baħar, filwaqt li ffukajna fuq il-pressjoni li tirriżulta mis-sajd kummerċjali. Aħna eżaminajna jekk:

- il-qafas tal-UE kienx imfassal u applikat tajjeb mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri,
- kienx sar progress fl-Atlantiku u fil-Mediterran, u
- il-Kummissjoni u l-Istati Membri kisbux riżultati mill-użu li għamlu mill-fondi tal-UE.

**26** L-awditu li wettaqna kopra l-perjodu mill-adozzjoni tal-MSFD fl-2008 sal-1 ta’ Marzu 2020. Aħna ffukajna fuq il-Golf tal-Biskalja u l-Kosta Iberika, kif ukoll fuq il-Makaroneżja u l-Punent tal-Baħar Mediterran, u żorna l-Istati Membri li għandhom kosti f’dawn iż-żoni tal-baħar – Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall. Il-***Figura 6*** turi l-ambitu ġeografiku tal-awditu li wettaqna.

## Figura 6 – Ambitu ġeografiku tal-awditu






*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq id-dokument tekniku Delineation of the MSFD Article 4 marine regions and subregions.

**27** L-awditu li wettaqna ma kienx ikopri d-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu[29] u l-Istrateġija tat-Tkabbir Blu, billi l-Istati Membri mhux se jagħtu rendikont lill-Kummissjoni dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu qabel l-2021.

[29] Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu.

**28** Fix-xogħol tal-awditjar li wettaqna aħna:

— eżaminajna l-proposti, il-linji gwida u r-rapporti rilevanti tal-Kummissjoni;

— żorna lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, kif ukoll lir-rappreżentanti mis-settur tas-sajd u minn organizzazzjonijiet ambjentali fi Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall;

— irrieżaminajna l-finanzjament mill-UE għal proġetti li jipproteġu l-ambjent tal-baħar u eżaminajna tali proġetti u 21 żona tal-baħar protetta li kienu ilhom stabbiliti, b'objettivi ta' protezzjoni li jvarjaw, miż-żoni tal-baħar magħżula;

— ikkonsultajna ma' bord ta' esperti biex nużaw l-għarfien espert tagħhom sabiex nanalizzaw ir-rabtiet bejn il-politiki ambjentali u tas-sajd;

— irrieżaminajna studji u rapporti rilevanti, inklużi dawk mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

**29** Is-sena 2020 hija waħda importanti għall-UE f'termini ta' lħuq tal-objettivi ta' konservazzjoni skont l-istrateġija għall-bijodiversità tal-2011, il-PKS u l-MSFD. Fl-2021, huwa mistenni li ssir il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Dan ir-rapport jipprovdi analiżi tar-riżultati li nkisbu sa issa dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità tal-baħar u, għaldaqstant, jista' jikkontribwixxi għad-diskussjoni dwar l-għażliet fil-ġejjieni.

# Osservazzjonijiet

## L-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi fl-applikazzjoni tal-qafas tal-UE għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar

**30** Il-qafas legali tal-UE jirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu l-ambjent tal-baħar. Aħna eżaminajna jekk il-qafas tal-UE kienx ġie stabbilit u applikat biex jiffaċilita dan. Għal dan il-għan, aħna eżaminajna jekk il-qafas kienx jipprovdi għodod effettivi biex jiġu protetti ż-żoni tal-baħar, kienx stabbilixxa bażi ċara għall-azzjonijiet, kienx ġie integrat ma' oqsma oħra ta' politika li għandhom impatt fuq l-ambjent tal-baħar, u kienx ibbażat fuq pariri xjentifiċi aġġornati li jidentifikaw l-ispeċijiet u l-ħabitats li huma l-aktar fil-periklu.

### Iż-żoni tal-baħar protetti tal-UE fil-prattika jipprovdu protezzjoni limitata

**31** Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-MPAs bħala żoni tal-baħar li nħolqu bl-objettiv primarju ta' konservazzjoni tan-natura. Biex ikunu effettivi, l-MPAs jeħtieġu objettivi ċari b'azzjonijiet immaniġġjati tajjeb ibbażati fuq l-aqwa xjenza disponibbli[30]. L-MSFD tirrikjedi li l-Istati Membri jinkludu fl-istrateġiji tagħhom miżuri ta' protezzjoni ta' spazji, b'mod li jikkontribwixxu għal networks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti[31].

**32** L-MPAs ikopru ħafna objettivi ta' konservazzjoni permezz ta' varjetà ta' miżuri protettivi, li jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq is-sajd. L-Istati Membri japplikaw bosta livelli ta' restrizzjonijiet fuq is-sajd fi ħdan l-MPAs (ara l-***Kaxxa 5*** għal eżempju). Fl-2018, l-EEA kkonkludiet li n-network ta' MPAs ma kienx ekoloġikament rappreżentattiv[32].

---

[30] COM(2015) 481 final tal-1 ta' Ottubru 2015: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fit-twaqqif ta' żoni protetti tal-baħar (kif mitlub mill-Artikolu 21 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (id-Direttiva 2008/56/KE)).

[31] L-Artikolu 13(4).

[32] L-EEA: "Marine Protected Areas: Designed to conserve Europe's marine life, marine protected areas are a globally recognised tool for managing and enhancing our marine ecosystems", 2018.

## Kaxxa 5

### Livelli ta' protezzjoni differenti fl-MPA ta' Cinque Terre (l-Italja)




*Sors:* il-QEA, addattat minn stampa oriġinali © Ente Parco Nazionale delle Cinque Terre.

L-MPA tkopri 4 554 ha, bi 3 saffi ta' protezzjoni. Iż-żona A (is-sajd huwa pprojbit) tkopri biss 104 ha (2.3 % tal-MPA). Fiż-żoni B u C, is-sajjieda lokali huma awtorizzati jistadu dment li jkollhom awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità maniġerjali. Iż-żona C hija żona ta' lqugħ bejn iż-żoni tal-akbar interess għall-bijodiversità u ż-żoni barra mill-MPA fejn ir-restrizzjonijiet huma inqas stretti.

**33** L-MPAs ma jikkwalifikawx għal deżinjazzjoni tal-UE taħt in-network Natura 2000, sakemm ma jkunux jirreferu għal ħabitats jew speċijiet li huma elenkati fil-BHDs. MPAs iddeżinjati spiss jikkoinċidu ma' xulxin u ma' żoni protetti nazzjonali. Il-***Figura 7*** turi kif dawn iż-żoni jistgħu jkunu relatati ma' xulxin.

## Figura 7 – Żoni protetti f'Korsika ta' Fuq (Franza)




*Sorsi:* INPN, Cartographie des espaces naturels ou protégés: https://inpn.mnhn.fr/viewer-carto/espaces/I056FR9100008 u Natura 2000 Network Viewer: https://natura2000.eea.europa.eu/.

**34** Fejn l-MPAs jindirizzaw il-pressjonijiet tas-sajd, huma jipprovdu diversi livelli ta' protezzjoni. Aħna eżaminajna kif id-dispożizzjonijiet legali tal-Istati Membri pproteġew 21 MPA ta' Natura 2000 li kienu ilhom stabbiliti (ara l-***Anness II***), u sibna li:

(a) Għal 3 (14 %), kien hemm projbizzjonijiet fuq is-sajd fil-biċċa l-kbira miż-żona protetta (MPA);

(b) Għal 9 (43 %), kien hemm xi restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tas-sajd – il-projbizzjoni ta' ċerti metodi tas-sajd; il-ħtieġa ta' awtorizzazzjonijiet; jew is-sajd kien awtorizzat fil-biċċa l-kbira mill-MPA; u

(c) F'9 MPAs (43 %), l-Istati Membri kienu imponew ftit jew xejn restrizzjonijiet speċifiċi fuq l-attivitajiet tas-sajd.

**35** Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tirrikjedix li l-MPAs ikollhom pjanijiet ta' ġestjoni, iżda l-OECD[33] identifikat li dawn il-pjanijiet huma prattika tajba. Il-pjanijiet ta' ġestjoni jiddefinixxu l-azzjonijiet meħtieġa għall-protezzjoni tal-MPAs u l-awtoritajiet li huma responsabbli milli jagħmlu dan. Ftit aktar minn nofs l-MPAs li eżaminajna kellhom tali pjanijiet. Fl-2019, il-Fond Dinji għan-Natura (WWF)[34] irrapporta li filwaqt li l-MPAs kienu jkopru 12.4 % taż-żona tal-baħar tal-UE, 1.8 % biss kienu koperti minn pjanijiet ta' ġestjoni ta' MPA. Fl-2020, l-EEA rrappurtat li inqas minn 1 % tal-MPAs Ewropej setgħu jitqiesu bħala riżervi tal-baħar bi protezzjoni sħiħa (eż. permezz ta' projbizzjonijiet fuq is-sajd), u li kien jeħtieġ li l-ġestjoni tal-MPAs tissaħħaħ[35].

**36** L-Istati Membri jistgħu jużaw l-MPAs biex jipproteġu ż-żoni tal-baħar kontra firxa wiesgħa ta' pressjonijiet oħra minbarra s-sajd (bħat-tħammil, l-estrazzjoni, l-esplorazzjoni għaż-żejt u l-gass, l-iskariki industrijali, l-ankrar, it-tbaħħir jew il-kejbils ta' taħt il-baħar).

**37** Fl-2019, studju xjentifiku[36] kkonkluda li f'59 % tal-MPAs analizzati kien qed jitwettaq sajd tat-tkarkir għal skopijiet kummerċjali f'livelli li kienu ogħla minn dawk ta' żoni mhux protetti, u li ħafna mill-MPAs ma pproteġewx l-ispeċijiet vulnerabbli. Fl-istudju ġie osservat li ħafna min-network ta' MPAs tal-UE, spazjalment impressjonanti, jipprovdi sens falz ta' sigurtà fir-rigward tal-azzjonijiet ta' konservazzjoni pożittivi li qed jittieħdu. Fejn l-MPAs kienu jinvolvu restrizzjonijiet fuq is-sajd, aħna sibna eżempji ta' prattiki ta' protezzjoni addizzjonali (ara l-***Kaxxa 6***).

[33] Marine Protected Areas Economics, Management and Effective Policy Mixes https://www.oecd.org/environment/resources/Marine-Protected-Areas-Policy-Highlights.pdf.

[34] Id-WWF: Protecting Our Ocean - Europe's Challenges to Meet the 2020 Deadlines", 2019.

[35] L-EEA: Marine messages II, il-Kaxxa 3.2, 2020.

[36] Dureuil *et al.*: "Elevated trawling inside protected areas undermines conservation outcomes in a global fishing hot spot", *Science*, Vol. 362, il-Ħarġa 6421, pp. 1403-1407, 2018.

## Kaxxa 6

### Żoni tal-baħar protetti (MPAs) u protezzjoni mis-sajd

Fl-MPA ta' Cinque Terre (l-Italja), għalkemm jeżistu projbizzjonijiet fuq is-sajd, il-maniġers kienu konxji minn episodji frekwenti ta' sajd bit-tkarkir illegali ġewwa ż-żona protetta. Fl-2009, huma poġġew bolards kontra t-tkarkir (ara l-Istampa) biex inaqqsu s-sajd illegali. Dawn il-bolards jimblukkaw it-tkarkir u jħabblu x-xbieki.



*Sors:* © Parco Nazionale delle Cinque Terre.

**38** Fl-2018, l-EEA rrappurtat[37] li l-UE kienet laħqet il-mira tal-kopertura spazjali li tiddeżinja minimu ta' 10 % tal-ilmijiet tagħha bħala MPAs sal-2020, iżda li ż-żoni protetti kienu żbilanċjati favur l-ilmijiet kostali u ma kinux ikopru l-baħar fond b'mod suffiċjenti. Hija kkonkludiet li n-network ta' MPAs kien għadu ma kienx rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tal-bijodiversità fiż-żoni koperti u li kien jeħtieġ li l-bijodiversità tal-baħar tiġi protetta b'mod aħjar[38]. Fl-2020, il-Kummissjoni stmat li inqas minn 1 % taż-żoni tal-baħar fl-UE kienu protetti b'mod strett[39].

[37] L-EEA: "EU reaches the Aichi target of protecting ten percent of Europe's seas", 2018.

[38] L-EEA: "Marine Protected Areas", 2018.

[39] COM(2020) 380 final tal-20 ta' Mejju 2020. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030. Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna.

**39** It-*Tabella 1* turi l-varjazzjoni fir-responsabbiltajiet għall-politiki ambjentali u tas-sajd skont it-tip ta' żona tal-baħar. L-Istati Membri jridu jikkonformaw mal-impenji ta' konservazzjoni tal-baħar stipulati fl-MSFD u fil-BHDs, u għal dan il-għan, huma jistabbilixxu MPAs u jimponu restrizzjonijiet fuq il-bastimenti tas-sajd proprji tagħhom. Fl-ibħra territorjali tagħhom, huma jistgħu wkoll jillimitaw l-aċċess għas-sajd għal bastimenti li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet u li jiġu minn portijiet li jinsabu fuq il-kosta maġenb tagħhom, iżda ma jistgħux jagħmlu dan b'mod unilaterali għal MPAs li jinsabu barra minn din iż-żona kostali (ara l-*Figura 8*) u jeħtieġ li jinvolvu lilhom infushom f'diskussjonijiet multilaterali skont il-PKS.

## Figura 8 – L-MPAs li jinsabu barra miż-żoni kostali huma inqas protetti




**1.** Biex jikkonformaw mal-MSFD u l-BHDs, l-Istati Membri jadottaw liġijiet nazzjonali li jillimitaw is-sajd f'żoni protetti għall-bastimenti tagħhom...

**2.** ...iżda l-PKS tagħti lil Stat Membru d-dritt li jwettaq sajd f'ilmijiet ta' Stat Membru ieħor. Ir-restrizzjonijiet adottati mil-liġijiet nazzjonali ma japplikawx awtomatikament għal dawn il-bastimenti barranin, għaldaqstant huma jistgħu jistadu f'żoni fejn sajjieda nazzjonali ma jistgħux.

*Sors:* il-QEA.

## L-għodod regolatorji li jorbtu l-politika tal-UE dwar il-bijodiversità tal-baħar mal-PKS tagħha ma ħadmux tajjeb fil-prattika

**40** Id-dritt tal-UE rigward il-PKS u l-bijodiversità tal-baħar fih dispożizzjonijiet biex il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar (fejn l-Istati Membri huma prinċipalment responsabbli) tintrabat ma' miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd (li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE). Aħna eżaminajna kif dawn id-dispożizzjonijiet ħadmu fil-prattika fiż-żoni tal-baħar li eżaminajna u li huma ppreżentati fil-paragrafu *26*.

**L-Artikolu 11 tal-PKS**

**41** L-Istati Membri huma responsabbli mill-ħolqien ta' żoni tal-baħar protetti u jridu jirrispettaw l-impenji ta' konservazzjoni skont il-BHDs u l-MSFD. Madankollu, billi s-sajd huwa kompetenza fil-livell tal-UE, l-Artikolu 11 tal-PKS jippermetti li l-Istati Membri, meta jfittxu li jillimitaw l-impatti minn bastimenti tas-sajd minn Stati Membri oħra, jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu miżuri.

**42** L-Istati Membri li żorna ma fittxewx li jużaw l-Artikolu 11 tal-PKS. Huma spjegawlna li raġuni ewlenija kienet li l-proċess, ibbażat fuq rakkomandazzjonijiet konġunti segwiti minn atti legali delegati tal-Kummissjoni, kien ikkumplikat biex jiġi applikat u seta':

- iwassal għal restrizzjonijiet finali li jkunu aktar dgħajfa minn dawk inizjalment imressqa mill-Istat Membru li jkun qed jagħmel il-proposta,
- jirrikjedi diskussjoni twila li matulha ż-żona tkun tibqa' miftuħa għall-bastimenti ta' Stati Membri oħra u setgħet tkompli ssir aktar ħsara lill-ħabitats sensittivi (ara l-eżempju fil-*Kaxxa 7*).

## Kaxxa 7

### Eżempju tad-diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-PKS

Jekk, pereżempju, Franza kienet teħtieġ timponi restrizzjonijiet fuq is-sajd biex tkun konformi mal-MSFD fi kwalunkwe żona żgħira li tinsab fl-ilmijiet tagħha taż-Żona 8.a tal-ICES (ara hawn taħt), hija tista' tapplikahom għall-bastimenti Franċiżi. Biex ir-restrizzjonijiet jiġu estiżi għall-bastimenti kollha tal-UE, Franza trid tilħaq qbil dwar rakkomandazzjoni konġunta mal-Istati Membri kollha l-oħra li jkollhom interess ta' ġestjoni diretta fiż-żona (il-Kummissjoni infurmatna li tmien Stati Membri jiddikjaraw il-qabdiet fiż-Żona 8a).




*Sors:* il-QEA, adattat minn Original Scientific Illustrations Archive tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti. Riproduzzjoni awtorizzata.

Madankollu, ma hemm l-ebda limitu ta' żmien għall-Istati Membri kkonsultati biex jirreaġixxu għall-proposta ta' Franza. Jekk u meta jirreaġixxu, huma jistgħu jaċċettaw rakkomandazzjoni konġunta b'miżuri li jkunu aktar dgħajfa minn dawk proposti. Jekk Franza ma taqbilx, hija trid tappoġġa t-talba tagħha b'evidenza xjentifika, u huwa diffiċli li tintwera evidenza konkreta tal-benefiċċji tal-miżuri protettivi fuq l-ambjent tal-baħar. Il-proċess kollu jista' jdum bosta snin.

**43** Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 11 tal-PKS “damu aktar biex jitfasslu u jkopru biss ċerti żoni tal-Baħar tat-Tramuntana u tal-Baħar Baltiku”[40]. F’seba’ snin, il-Kummissjoni adottat sitt rakkomandazzjonijiet konġunti relatati mal-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Baltiku[41], u l-ebda waħda minnhom ma kienet tirrigwarda żoni inklużi fl-ambitu ġeografiku tal-awditu li wettaqna, u lanqas fil-Mediterran. Inqisu li din il-proċedura ma tistax tiżgura protezzjoni f’waqtha mis-sajd għal għadd kbir ta’ MPAs ta’ Natura 2000. Aħna nosservaw li l-EEA rrappurtat fl-2020 li l-proċedura tal-Artikolu 11 spiss kellha l-konsegwenza li jiġu ppreferuti l-interessi tas-sajd kummerċjali aktar milli r-rekwiżiti tal-konservazzjoni tan-natura[42].

**44** Fl-2018, il-Kummissjoni pproponiet li d-definizzjoni taż-żoni ristretti għas-sajd tiġi estiża għal kwalunkwe żona protetta stabbilita mill-Istati Membri. Jekk dawn tal-aħħar jingħataw is-setgħa biex jikkontrollaw l-attivitajiet tas-sajd f’dawn iż-żoni[43], kieku jiġi ssimplifikat il-proċess li attwalment huwa meħtieġ skont l-Artikolu 11.

**L-Artikolu 15 tal-MSFD**

**45** Meta, biex jilħqu l-objettiv tal-MSFD li jikkonsisti fil-ksib ta’ status ambjentali tajjeb fiż-żoni tal-baħar tagħhom, l-Istati Membri jidentifikaw miżuri li jmorru lil hinn mis-setgħat tagħhom (pereżempju, li jkunu relatati mal-politika tas-sajd), huma jistgħu jqajmu l-kwistjoni fil-livell tal-UE skont l-Artikolu 15 tal-MSFD (Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni Komunitarja). Mill-erba’ Stati Membri li żorna, il-Portugall biss kien għamel dan.

---

[40] COM(2019) 274 final tas-7 ta’ Ġunju 2019: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni Attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u dwar Konsultazzjoni b’rabta mal-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2020.

[41] Ara https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/fishing_rules_mt.

[42] L-EEA: Marine messages II, il-Kaxxa 3.2, 2020.

[43] COM(2018) 368 final tat-30 ta’ Mejju 2018: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd.

**46** Fl-2014, biex jissodisfa l-impenji tiegħu skont il-BHDs u l-MFSD, il-Portugall ipprojbixxa lill-bastimenti tiegħu milli jwettqu tkarkir tal-qiegħ f'parti kbira miż-ŻEE u mill-blata kontinentali tiegħu (ara l-***Figura 9***). F'Lulju 2015, il-Portugall talab lill-Kummissjoni biex tindirizza l-NEAFC sabiex il-projbizzjoni tiġi estiża għal bastimenti oħra tal-UE u mhux tal-UE, skont l-Artikolu 15 tal-MSFD. Fl-2016, il-Kummissjoni talbet lill-Portugall biex jipprovdi aktar studji xjentifiċi, li l-awtoritajiet Portugiżi qalulna li ma kinux iqisu li dawn kienu meħtieġa. B'riżultat ta' dan, il-bastimenti Portugiżi mhumiex awtorizzati li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ f'dik iż-żona, filwaqt li, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, l-bastimenti tal-Istati Membri l-oħra komplew jagħmlu dan.

### Figura 9 – Żona ristretta għall-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ Portugiżi




*Sors:* il-QEA, adattat mill-ordni ministerjali Portugiż Nru 114/2014 (© Ministério do Mar).

## Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni ma wasslux għall-irkupru ta' ammont sinifikanti ta' ekosistemi u ta' ħabitats tal-baħar.

**47** Id-dritt tal-UE jipproteġi speċijiet u ħabitats speċifiċi li huma mhedda u li huma elenkati fl-annessi tal-BHDs, filwaqt li xi speċijiet mhedda (bħall-klieb il-baħar) jibbenefikaw minn restrizzjonijiet fuq il-qbid skont il-PKS. L-MFSD tippermetti li l-Istati Membri jipproteġu speċijiet jew ħabitats mhedda, u tħalli f'idejhom id-deċiżjoni dwar liema għandhom jiġu protetti.

**48** L-UE laħqet qbil rigward l-annessi tal-BHDS aktar minn 25 sena ilu, u dawn ma jinkorporawx l-għarfien xjentifiku reċenti u lanqas ma jkopru l-ħabitats tal-baħar b'mod suffiċjenti. Pereżempju, ir-raja ta' Malta (*Leucoraja melitensis*) – speċi meqjusa mill-IUCN bħala f'periklu kritiku[44] – u l-ħabitats ta' trawwim tagħha (qigħan ramlija u bit-tajn taħt 60 metru) mhumiex koperti mill-BHDs. Dawn id-direttivi fihom proċeduri biex jiġu aġġornati l-listi ta' speċijiet u ħabitats protetti, iżda l-Kummissjoni għadha ma użathomx[45].

**49** Fl-2015, l-EEA[46] rrappurtat li d-direttivi dwar in-natura jeskludu aspetti sinifikanti tal-ekosistema tal-baħar mill-iskemi ta' protezzjoni formali, b'referenza b'mod partikolari għall-ħut tal-baħar (eż. l-ispeċijiet sfruttati b'mod kummerċjali), l-ispeċijiet invertebrati (eż. il-molluski u l-istilel tal-baħar) u l-ħabitats tal-baħar lil hinn mill-kosta (eż. is-sikek tar-ramel taħt 20 m jew il-ħabitats ta' qiegħ artab) u l-komunitajiet assoċjati tagħhom ta' fawna u flora.

**50** Iż-żieda ta' speċijiet fl-annessi tal-BHDs tkun tagħmilha aktar faċli li dawn jinġiebu taħt il-protezzjoni tar-regoli tal-PKS. Pereżempju, ir-Regolament dwar il-Mediterran (MedReg) jipprojbixxi l-qbid ta' speċijiet li huma elenkati fid-Direttiva dwar il-Ħabitats[47]. Skont ir-Regolament dwar il-Mediterran, il-qbid ta' speċijiet mhedda (eż. sponoż u qroll), li mhumiex elenkati fl-Anness ta' din id-Direttiva, għadu legali. Bl-istess mod, ir-Regolament dwar Miżuri Tekniċi (RMT)[48] spiss jirreferi għall-ispeċijiet elenkati fid-Direttiva.

**51** L-UE ħadet inizjattivi biex tipproteġi l-klieb il-baħar (ara l-***Kaxxa 8***), iżda ma ddeżinjatx żoni protetti. B'kuntrast ma' dan, l-Istati Uniti tal-Amerka ilhom mill-2006 li ddefinew il-Ħabitats Essenzjali tal-Ħut għall-Ispeċijiet Migratorji Ħafna tal-Atlantiku, inklużi l-klieb il-baħar.

---

[44] L-IUCN: "European Red List of Marine Fishes", 2015.

[45] L-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats; l-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva dwar l-Għasafar.

[46] Ir-Rapport Nru 3/2015 tal-EEA: "Marine protected areas in Europe's seas".

[47] L-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-Mediterran.

[48] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi. ĠU L 198, 25.7.2019.

### Kaxxa 8

### Inizjattivi tal-UE dwar il-protezzjoni tal-klieb il-baħar

Il-PKS tipprojbixxi s-sajd dirett għal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, li jenħtieġ li jiġu skartati mejtin jew ħajjin jekk jinqabdu b'mod mhux intenzjonat.

Fl-2009, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar, li ġie approvat mill-Kunsill tal-Ministri tal-UE[49]. Fl-2019, l-STECF irrapporta sinjali ta' progress fil-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-klieb il-baħar f'dawn l-aħħar 10 snin, iżda enfasizza wkoll li l-istatus ta' ħafna popolazzjonijiet tal-klieb il-baħar kien għadu sors ta' tħassib[50].

Mill-2003 'l hawn, l-UE pprojbiet it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar abbord bastimenti ("tneħħija tal-pinen tal-kelb il-baħar"), waħda mit-theddidiet prinċipali għall-konservazzjoni tal-klieb il-baħar[51].

## Progress fl-Atlantiku, iżda r-riżultati fil-Mediterran mhumiex sodisfaċenti

**52** Il-PKS tirrikjedi l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, billi dan tal-aħħar jitwettaq fi ħdan il-livelli tal-MSY. Aħna eżaminajna jekk l-implimentazzjoni tal-PKS kinitx appoġġat il-konservazzjoni tar-riżorsi u l-ħabitats tal-baħar. Sabiex niksbu dan, aħna nosservaw li jenħtieġ li l-PKS tistabbilixxi miżuri skont l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli biex jiġi indirizzat is-sajd eċċessiv, u tipprevieni l-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi tal-baħar billi taġġusta l-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal-livelli ta' qabdiet li jkunu konsistenti mas-sajd sostenibbli[52]. Aħna nqisu li l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll tas-sajd effettiva hija element kritiku.

---

[49] COM(2009) 40 final tal-5 ta' Frar 2009: "Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni tal-Komunità għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Klieb il-Baħar".

[50] STECF 19-17.

[51] Ir-Regolament tal-Kunsill 1185/2003 (kif emendat), tat-23 ta' Ġunju 2003 dwar it-tneħħija tal-pinen ta' klieb il-baħar abbord bastimenti. ĠU L 167, 4.7.2003.

[52] L-Artikoli 2 u 3 tal-PKS.

**53** Fl-2020, l-EEA rrappurtat li l-objettiv tal-PKS, li l-istokkijiet kollha jinstadu fi ħdan il-livelli tal-MSY sal-2020, x'aktarx ma kienx se jintlaħaq[53]. Fl-istess rapport ġie osservat li minkejja xi livelli ta' inċertezza, il-messaġġ huwa ċar – l-UE ma rnexxilhiex twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità tal-baħar sal-2020[54]. Dan jintwera fil-*Figura 10*, flimkien mal-insuffiċjenza tad-*data* biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tal-bijodiversità disponibbli f'ħafna oqsma.

## Figura 10 – Kundizzjonijiet u xejriet ġenerali tal-bijodiversità fl-ibħra tal-Ewropa




*Noti:* UNEP-MAP: Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent – Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran; BSC: Kummissjoni tal-Baħar l-Iswed; BEAT+: għodda għall-valutazzjoni tal-varjabbiltà spazjali tal-bijodiversità billi jiġu kkombinati indikaturi eżistenti; BQR: Proporzjon tal-Kwalità tal-Bijodiversità. Abbrevjazzjonijiet oħra ssir referenza għalihom f'partijiet oħra ta' dan ir-rapport tal-awditjar.

*Sors:* © L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ir-Rapport tal-EEA: Marine messages II, 2020, it-Tabella 3.1, p. 26.

[53] L-EEA: Marine messages II, 2020, p. 11.

[54] L-EEA: Marine messages II, 2020, p. 25.

**54** Fl-Atlantiku, il-PKS bdiet tnaqqas is-sajd eċċessiv fi snin reċenti. Fil-Mediterran, is-sajd eċċessiv għadu f'livelli għolja li mhumiex sostenibbli. Aħna eżaminajna fatturi li nqisu li kkontribwew għal dawn ir-riżultati ta' konservazzjoni mħallta.

## Titjib li jista' jitkejjel fl-Atlantiku

**55** Għal stokkijiet fejn hemm pariri xjentifiċi disponibbli rigward l-MSY, l-għadd ta' limiti tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) stabbiliti f'konformità ma' dawn il-pariri żdied fi snin reċenti[55]. Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sajd sostenibbli se jkopri 99 %, skont il-volum, tal-ħut li nqabad fl-2020; u 73 % tal-istokkijiet bijoloġiċi.

**56** Fl-2019, l-STECF osserva li fl-Atlantiku tal-Grigal, fuq medja, il-bijomassa tal-istokkijiet kienet qed titjieb[56]. L-istokkijiet fil-Kosta Iberika u fil-Golf tal-Biskalja wrew żieda konsiderevoli f'dak li jirrigwarda l-bijomassa. Madankollu, l-STECF irrapporta li, b'mod ġenerali, ħafna stokkijiet – li għalihom kien hemm informazzjoni ta' valutazzjoni disponibbli – baqgħu suġġetti għal sajd eċċessiv fl-2017 (40 %) jew barra mil-limiti bijoloġiċi sikuri (35 %), u l-progress kien jidher miexi bil-mod wisq biex l-MSY jinkiseb sal-2020.

**57** L-ICES jipprovdi pariri għal ħafna stokkijiet bijoloġiċi tal-ħut. Fl-2017, l-STECF osserva li minħabba limitazzjonijiet fid-*data*, l-ICES ma setax jipprovdi stima tal-MSY għal aktar minn nofs l-istokkijiet[57]. Għall-156 stokk ta' ħut suġġetti għal kwota, l-ICES seta' jipprovdi pariri dwar l-MSY f'86, jew f'55 %, tal-każijiet[58]. Fil-każijiet l-oħra, l-ICES applika l-approċċ prekawzjonarju, li jista' jwassal għal rati ta' sajd li jkunu ogħla minn dawk taħt l-MSY (ara l-***Kaxxa 2***).

**58** Rapporti wrew li fil-passat il-Kummissjoni pproponiet limiti ta' qbid li xi drabi qabżu l-pariri xjentifiċi li kienet irċeviet mingħand l-ICES. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill xi drabi żied il-limiti proposti mill-Kummissjoni (ara l-***Kaxxa 9***).

---

[55] Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, ara p. 9.

[56] STECF: Monitoring the performance of the Common Fisheries Policy (STECF-Adhoc-19-01). Dan huwa rapport li ġie ppreżentat minn grupp ta' esperti lill-STECF f'Marzu 2019. *Data* li tmur lura għas-snin sal-2017. Ara pp. 7, 11.

[57] STECF 19-01, p. 11.

[58] Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja COM(2019) 274 final, ara p. 7.

### Kaxxa 9

### Xi rapporti kkritikaw il-limiti ta’ qbid tas-sajd stabbiliti fl-Atlantiku

Fir-rapport mill-2019 intitolat “Taking stock – are TACs set to achieve MSY?”, l-organizzazzjoni ClientEarth indikat li l-perċentwal tal-limiti ta’ qbid fejn il-proposta tal-Kummissjoni kienet taqbeż il-livelli mogħtija mill-pariri xjentifiċi kien ivarja bejn 41 % u 47 % bejn l-2015 u l-2019, u li l-perċentwal tal-limiti ta’ qbid maqbula mill-Kunsill u li qabżu l-livelli mogħtija mill-pariri xjentifiċi kienu ogħla.

Fir-rapport mill-2019 intitolat “EU fisheries management improves but still lags behind scientific advice”, l-organizzazzjoni Pew Charitable Trusts indikat li l-perċentwal tal-limiti ta’ qbid fejn il-proposta tal-Kummissjoni kienet taqbeż il-livelli mogħtija mill-pariri xjentifiċi kien qed jonqos matul iż-żmien. Ir-rapport identifika li l-perċentwal tal-limiti ta’ qbid stabbiliti mill-Kunsill, li qabżu dawk mogħtija skont il-pariri xjentifiċi, kien qed jonqos ukoll, iżda kien għadu jirrappreżenta 42 % tal-istokkijiet fl-Atlantiku tal-Grigal fl-2019.

## Għadd kbir ta’ azzjonijiet tal-UE ma naqqsux is-sajd eċċessiv fil-Mediterran

**59** Fir-rapport tiegħu tal-2019 dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-PKS, l-STECF ikkonkluda li l-istokkijiet tas-sajd fil-Mediterran kienu għadhom f’sitwazzjoni li ma kinitx sodisfaċenti[59]. Il-Kummissjoni vvalutat li l-Baħar tal-Mediterran u l-Baħar l-Iswed qed jiġu sfruttati b’rati li huma 2.2 darbiet ogħla minn dawk kompatibbli mas-sajd fi ħdan il-livelli tal-MSY; u li mill-2003 sal-2016 il-bijomassa tal-istokkijiet tal-ħut ma wriet l-ebda żieda sinifikanti[60]. Fl-2020, l-EEA rrappurtat li 6 % biss tal-istokkijiet li ġew ivvalutati fil-Mediterran kienu jissodisfaw il-kriterji tal-MSY[61].

**60** L-STECF osserva l-limitazzjonijiet tar-**reġim tal-isforz tas-sajd** użat fil-Mediterran u ssuġġerixxa li jitqiesu alternattivi bbażati fuq il-qabdiet (TACs). Il-Kummissjoni pproponiet tali miżuri fil-proposti tagħha għall-MAPs tal-UE fil-Punent tal-Baħar Mediterran u fil-Baħar Adrijatiku, iżda dawn ġew irrifjutati mill-koleġiżlaturi. L-STECF irrapporta li tnaqqis fl-isforz tas-sajd ma jirriżultax awtomatikament f’inqas qabdiet[62].

[59] STECF-ADhoc-19-01.

[60] COM(2019) 274 final tas-7 ta’ Ġunju 2016.

[61] L-EEA: Marine messages II, 2020, p. 17.

[62] Ara r-Rapporti tal-STECF: PLEN 17-02, PLEN 18-01, STECF 18-09 u STECF 18-13.

**61** L-STECF jistma li, fl-2016, il-flotta kostali fuq skala żgħira tal-UE li topera fil-Mediterran kienet tinkludi madwar 17 500 bastiment[63]. Il-bastimenti l-kbar jaqbdu ammont ta' ħut li huwa sinifikattivament aktar minn dak li jinqabad minn bastimenti żgħar. Il-***Figura 11*** turi s-sehem approssimattiv tal-għadd totali tal-flotta u tal-piż totali tal-qabdiet minn bastimenti żgħar u kbar.

## Figura 11 – Bastimenti tal-UE fil-Mediterran




*Sors:* il-QEA, (abbażi ta' informazzjoni inkluża fl-STECF 18-07).

**62** Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-ħatt l-art fil-portijiet tagħhom u li l-liġijiet tal-UE jirrikjedu li l-prodotti kollha tas-sajd jiġu kummerċjalizzati jew reġistrati għall-ewwel darba f'ċentru tal-irkant jew lil xerrejja reġistrati jew lil organizzazzjonijiet tal-produtturi[64]. Konsegwentement, jenħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-maniġers tal-postijiet tal-ħatt l-art ikunu jistgħu jipproduċu bażijiet ta' *data* komprensivi dwar il-qabdiet. Fl-2017, l-STECF osserva progress fil-valutazzjoni tal-istokkijiet fil-Mediterran, iżda li d-*data* disponibbli mhijiex affidabbli biżżejjed billi l-informazzjoni dwar is-sajd hija spiss parzjali u impreċiża u s-serje kronoloġika hija relattivament qasira[65]. Huwa osserva wkoll li l-monitoraġġ imwettaq mill-Istati Membri fir-rigward tal-livelli tal-isforz ta' parti kbira mill-flotta Mediterranja tal-UE ma kienx sodisfaċenti[66].

---

[63] STECF: "The 2018 Annual economic report on the EU fishing fleets" (STECF 18-07), p. 163.

[64] Ara l-Preambolu (21) u l-Artikolu 59 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

[65] Ara l-STECF 17-02.

[66] Ara l-STECF PLEN 17-02.

**63** Fl-2019, l-STECF wettaq rieżaminar *ex post* ta’ 22 **pjan nazzjonali ta’ ġestjoni** li ġew adottati skont ir-Regolament dwar il-Mediterran. L-STECF ikkonkluda li l-pjanijiet nazzjonali ta’ ġestjoni antiki skont ir-Regolament dwar il-Mediterran, fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, ma kkontribwewx għat-titjib tal-istatus mhux sodisfaċenti tal-istokkijiet tal-Mediterran. Barra minn hekk, huwa osserva li t-tnedija ta’ xi wħud minn dawn il-pjanijiet kienet assoċjata ma’ talbiet għal derogi minn dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Mediterran[67].

**64** Ir-Regolament dwar il-Mediterran għandu l-għan li jipproteġi ż-żoni fejn jitrabbew il-ħut u l-**ħabitats sensittivi**[68]. Huwa kien jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni, sal-31 ta’ Diċembru 2007, informazzjoni rilevanti biex jiġu stabbiliti tali żoni, u biex, sa tmiem l-2008, il-Kunsill jiddeżinja “żoni ta’ sajd protetti li essenzjalment jinsabu lil hinn mill-ibħra territorjali tal-Istati Membri, dwar it-tipi ta’ attivitajiet ta’ sajd ipprojbiti jew awtorizzati f’tali żoni”. L-Istati Membri ma pprovdewx din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

**65** Fl-2019, l-UE adottat **pjan pluriennali** għal sitt speċijiet li jgħixu qrib qiegħ il-baħar fil-Punent tal-Baħar Mediterran[69]. Il-pjan fih dispożizzjonijiet ta’ salvagwardja[70] biex jittieħdu miżuri ta’ rimedju (bħal għeluq) fil-każijiet fejn il-pariri xjentifiċi juru li l-istokkijiet huma mhedda, iżda hemm diffikultajiet fil-monitoraġġ tal-qabdiet u fil-ksib ta’ *data* tajba (ara l-paragrafu ***62***). Il-Kummissjoni se tevalwa l-pjan fl-2024, jiġifieri qrib ħafna tad-data mmirata tal-1 ta’ Jannar 2025, sa meta jridu jinkisbu l-livelli tas-sajd tal-MSY.

**66** Il-**miżuri tekniċi** huma r-regoli li jirregolaw kif, meta u fejn is-sajjieda kummerċjali jistgħu jistadu. Fl-2019, l-UE adottat ir-Regolament dwar Miżuri Tekniċi (RTM)[71], li huwa applikabbli fl-ilmijiet kollha tal-UE. Wieħed mill-objettivi tal-RTM huwa li jenħtieġ li l-ġestjoni tas-sajd tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-MSFD u tal-BHDs[72].

---

[67] Ara l-STECF PLEN 19-01.

[68] Ara l-Preambolu (18) u l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006.

[69] Ir-Regolament (UE) 2019/1022, li ġie adottat fl-20 ta’ Ġunju 2019.

[70] L-Artikoli 17 u 6.

[71] Ir-Regolament (UE) 2019/1241.

[72] Ara l-Artikolu 3(d).

**67** Qabel l-adozzjoni tal-RTM, ma kien hemm l-ebda mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-progress. L-RTM jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati, fejn ikun meħtieġ[73], u jintroduċi rappurtar triennali. L-ewwel rapport triennali huwa mistenni fl-2020.

**68** Ir-regolamenti dwar il-Mediterran[74] u dwar il-GFCM[75] fihom ukoll miżuri tekniċi li japplikaw biss f'dawn l-oqsma. L-UE hija parti għall-GFCM, iżda għandha d-dritt li tadotta regoli aktar stretti jekk tqis li l-miżuri tal-GFCM ma jkunux biżżejjed biex jipprevienu l-impatti distruttivi tas-sajd[76]. Hemm lok għal Miżuri Tekniċi biex jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv sabiex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali negattiv tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar fil-Mediterran.

**69** Id-*data* dwar is-sajd tinkiseb skont ir-Regolament dwar il-kontroll[77] u skont ir-Regolament dwar il-Qafas tal-Ġbir ta' *Data*. L-evalwazzjoni li l-Kummissjoni wettqet fl-2017 fir-rigward tar-Regolament dwar il-kontroll ikkonkludiet li huwa ma kienx kollu kemm hu adattat għall-iskop tiegħu[78], u dan wassal lill-Kummissjoni biex tipproponi wieħed ġdid[79]. Problema partikolari hija l-eżenzjoni mir-rappurtar għal bastimenti ta' inqas minn 12-il metru, u għal qabdiet li jkunu inqas minn 50 kg. Il-proposta, li għadha fil-proċess leġiżlattiv, fiha dispożizzjonijiet li jsaħħu l-monitoraġġ tas-sajd fuq skala żgħira u tinkludi r-rekwiżit għall-bastimenti kollha biex ikollhom sistemi ta' trekkjar tal-bastimenti.

---

73 Ara, pereżempju, l-Artikoli 10(4), 12(2), 15(2), 23(1 u 5), 27(7) u 31(4).

74 Ir-Regolament 1967/2006.

75 Ir-Regolament 1343/2011.

76 COM(2007) 604 final tas-17 ta' Ottubru 2007: Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Prattiki tas-sajd distruttivi fl-ibħra internazzjonali u l-ħarsien tal-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar fond".

77 STECF PLEN 17-02.

78 COM(2017) 192 final tal-24 ta' April 2017: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Implimentazzjoni u evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif meħtieġ skont l-Artikolu 118".

79 COM(2018) 368 final tat-30 ta' Mejju 2018.

**70** Sa issa, il-GFCM stabbiliet tmien żoni ristretti għas-sajd (bħaż-żona ristretta fil-Fossa ta' Jabuka/Pomo) biex tipproteġi l-ħabitats sensittivi tal-baħar fond u l-ħabitats essenzjali tal-ħut – li jkopru madwar 1 % tal-Baħar Mediterran (ara l-*Figura 12*). Barra minn hekk, mill-2005 'l hawn, il-GFCM ipprojbiet l-użu ta' gangmi rmunkati u ta' xbieki tat-tkarkir fl-ilmijiet kollha li huma fondi aktar minn 1 000 metru (li jirrappreżentaw 59 % tal-Baħar tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed) biex jiġu protetti l-ħabitats ta' qiegħ il-baħar li ma tantx huma magħrufa.

## Figura 12 – Żoni Ristretti għas-Sajd stabbiliti mill-GFCM




*Sors:* il-QEA, adattat minn Original Scientific Illustrations Archive tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti. Riproduzzjoni awtorizzata.

**71** Fil-Mediterran, il-ġestjoni kondiviża tas-sajd ma' pajjiżi terzi hija diffikultà addizzjonali. Fl-2017, il-qabdiet tal-UE kienu jirrappreżentaw, skont il-piż, madwar 52 % tal-qabdiet fil-Mediterran. Il-*Figura 13* turi li erba' Stati Membri tal-UE huma responsabbli għal kważi l-qabdiet kollha tal-UE, u erba' pajjiżi oħra jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-qabdiet ta' pajjiżi terzi[80].

[80] *Sors:* Bażi ta' *data* tal-GFCM.

## Figura 13 – Nazzjonijiet ewlenin li jipprattikaw is-sajd fil-Mediterran




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq bażi ta' *data* pprovduta mill-GFCM.

### L-għodod tal-UE biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda tas-sajd mhumiex allinjati mill-qrib mal-ħtiġijiet reġjonali u mal-impatti ambjentali

**72** Il-PKS għandha l-għan li tipprevieni l-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi tal-baħar billi taġġusta l-kapaċità tas-sajd tal-flotot għal livelli ta' qabdiet li huma konsistenti mal-MSY[81]. Fir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2017 tagħha, is-servizzi tal-Kummissjoni osservaw li l-kapaċità żejda hija meqjusa bħala kawża ewlenija tas-sajd eċċessiv fil-Baħar Mediterran, minħabba n-nuqqas ġenerali ta' kontrolli fuq il-qabdiet u d-dipendenza fuq l-isforz tas-sajd biex tiġi rregolata l-mortalità mis-sajd.

[81] Ara l-punt 5(d) tal-Artikolu 2 tal-PKS.

**73** Ir-Regolament dwar il-PKS jobbliga lill-Istati Membri biex jaġġustaw il-kapaċità tal-flotot tagħhom għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom. Huwa jistabbilixxi limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd għal kull Stat Membru f'termini ta' tunnellaġġ u saħħa tal-magna; u jirrikjedi li l-Istati Membri japplikaw "Skema ta' Dħul/Ħruġ"[82], sabiex id-dħul ta' kapaċità ġdida fil-flotot tagħhom isir biss wara l-irtirar ta' kapaċità ekwivalenti. Il-limiti massimi tal-kapaċità jitnaqqsu meta l-bastimenti jiġu skrappjati permezz ta' għajnuna pubblika.

**74** Fi tmiem l-2019, il-kapaċitajiet tal-flotot kienu fi ħdan il-limiti massimi aġġustati tal-kapaċità – b'mod kumplessiv, 21 % aktar baxxi f'termini ta' tunnellaġġ, u 15 % f'termini ta' saħħa tal-magna. Għalhekk, dawn il-limiti massimi jipprovdu inċentivi limitati biex l-Istati Membri jieħdu azzjoni rigward il-kapaċità tas-sajd (ara l-***Figura 14***).

## Figura 14 – Limiti massimi u kapaċitajiet tal-flotot ewlenin tas-sajd fl-2019




*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq ir-reġistru tal-flotta tal-UE.

[82] L-Artikolu 23 tal-PKS.

**75** L-Iskema ta' Dħul/Ħruġ ma tinkludix kundizzjonijiet speċifiċi għall-Mediterran, fejn il-pressjonijiet tas-sajd huma aktar severi minn dawk fl-Atlantiku. L-Iskema tippermetti li bastimenti ġodda jissostitwixxu lil dawk inattivi, kif ukoll li bastimenti ġodda jużaw tekniki li jagħmlu aktar ħsara. Pereżempju, il-permess tad-dħul fil-flotta ta' bastiment tat-tkarkir tal-qiegħ ġdid li jissostitwixxi bastiment tas-sajd bit-tartarun se jirriżulta fi ħsara akbar lill-ħabitats ta' qiegħ il-baħar. Ir-Regolament dwar il-PKS jippermetti li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli għall-applikazzjoni tal-Iskema, iżda għadha ma għamlitx dan[83].

## Sehem żgħir mill-finanzjament mill-UE jintuża għall-appoġġ tal-konservazzjoni tal-baħar

**76** Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jindirizza ħtiġijiet reali u jikkontribwixxi għal azzjonijiet li jtejbu l-konservazzjoni tal-baħar. Fl-awditu li wettaqna, aħna eżaminajna jekk l-użu tal-FEMS, tal-programmi LIFE u ta' Interreg fl-erba' Stati Membri li żorna kinux ikkontribwew għall-konservazzjoni tal-baħar.

**77** Il-FEMS jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS, inkluż il-minimizzazzjoni tal-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar u l-iżgurar li s-sajd ma jiddegradax l-ambjent tal-baħar[84]. Jenħtieġ li l-FEMS ma jintużax biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment[85].

**78** Il-finanzjament totali li ngħata mill-FEMS għall-perjodu 2014-2020 jaqbeż is-EUR 6 biljun. Ħamsa mis-seba' l-akbar benefiċjarji tal-finanzjament mill-FEMS huma pajjiżi li għandhom kosti Mediterranji (ara l-***Figura 15***). Minn dawn, l-akbar żewġ benefiċjarji għandhom kosti Atlantiċi u Mediterranji.

[83] Ara l-Artikolu 23(2) tal-PKS.

[84] L-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-PKS.

[85] Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament dwar il-FEMS (ir-Regolament (UE) Nru 508/2014).

## Figura 15 – L-ogħla ammonti mill-FEMS




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq "Facts and figures on the common fisheries policy, (EU, 2018)".

**79** Il-FEMS jappoġġa l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura. Huwa maħsub biex jappoġġa l-MSFD u biex jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar[86]. Il-fond jista' jappoġġa l-miżuri ta' konservazzjoni direttament, u anki indirettament permezz ta' miżuri utli oħra (inklużi dawk rigward l-għarfien xjentifiku, il-ġbir ta' *data*, il-monitoraġġ u l-infurzar)[87]. Aħna nistmaw li, sa tmiem l-2019, l-erba' Stati Membri li żorna kienu użaw madwar 6 % tal-finanzjament totali tagħhom li ngħata mill-FEMS għall-miżuri ta' konservazzjoni li huma marbuta l-aktar direttament mal-MSFD u mal-BHDs[88], u 8 % oħra għal miżuri li għandhom impatt inqas dirett fuq il-konservazzjoni. Minn dan, huma kienu użaw inqas minn EUR 2 miljun (0.2 %) biex jillimitaw l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar (ara l-***Figura 16***). Fi studju mill-2020 u li ġie ffinanzjat mill-Kummissjoni[89] nstab li, sal-2019, l-Istati Membri tal-UE kienu użaw EUR 14-

---

[86] Il-Preambolu (10) tar-Regolament dwar il-FEMS.

[87] L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEMS.

[88] L-Artikoli 37 sa 40 tar-Regolament dwar il-FEMS, rispettivament "Appoġġ għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u kooperazzjoni reġjonali"; "Limitazzjoni tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u l-adattament tas-sajd għall-protezzjoni tal-ispeċijiet"; "Innovazzjoni marbuta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar"; "Protezzjoni u rkuprar tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar u reġimi ta' kumpens fil-qafas tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli".

[89] "EMFF use for the protection of sensitive species", rapport finali, Marzu 2020.

il miljun mill-FEMS għall-protezzjoni tal-ispeċijiet sensittivi. Fl-2020, l-EEA identifikat ħtieġa għal allinjament aħjar bejn il-finanzjament mill-FEMS u l-MSFD[90].

## Figura 16 – Finanzjament mill-FEMS li ntuża fl-erba' Stati Membri li żorna (sal-31.12.2019)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni riċevuta mingħand l-Istati Membri.

[90] L-EEA: Marine messages II, 2020, p. 53.

**80** Fl-2011, aħna rrappurtajna li l-kapaċità żejda tal-flotot tas-sajd tal-UE kienet ippreġudikat is-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut[91]. Il-FEMS kellu l-għan li jiffinanzja s-sajd sostenibbli u l-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd bejn l-2014 u l-2020[92]. Peress li xi stokkijiet tal-ħut kummerċjali kienu suġġetti għal sajd eċċessiv, waħda mill-kundizzjonijiet tal-fond kienet li ma setax jintuża sabiex tiżdied il-kapaċità tal-flotot tas-sajd biex jaqbdu l-ħut. Għalhekk, il-fond ma appoġġax il-kostruzzjoni ta' bastimenti ġodda u lanqas iż-żieda fil-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti eżistenti[93].

**81** Il-proposta tal-Kummissjoni għal fond ġdid għall-perjodu 2021-2027 għal darb'oħra eskludiet l-appoġġ finanzjarju għal kwalunkwe żieda fil-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti eżistenti, u pprevediet appoġġ finanzjarju għall-ewwel akkwist ta' bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira skont kundizzjonijiet speċifiċi[94]. F'Ġunju 2019, il-konklużjonijiet tal-Kunsill[95] dwar il-proposta tal-Kummissjoni pprevedew appoġġ finanzjarju għall-ewwel akkwist ta' bastimenti tas-sajd skont kundizzjonijiet speċifiċi u inkludew deroga għall-esklużjoni ta' appoġġ għal żidiet fil-kapaċità tas-sajd. Saż-żmien meta wettaqna l-awditu, l-awtoritajiet leġiżlattivi kienu għadhom ma adottawx il-leġiżlazzjoni. Aħna nosservaw li l-għoti ta' appoġġ għall-akkwist ta' bastimenti tas-sajd u għaż-żidiet fil-kapaċità tas-sajd jista' jwassal għal pressjonijiet addizzjonali fuq l-istokkijiet tal-ħut u fuq il-ħabitats vulnerabbli tal-baħar.

---

91 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali Nru 12/2011: "Il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għall-adattament tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal opportunitajiet ta' sajd disponibbli?"

92 Ir-Regolament dwar il-FEMS: l-Artikolu 5.

93 Ir-Regolament dwar il-FEMS: l-Artikolu 11

94 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014. COM(2018) 390 final tal-12.6.2018: l-Artikoli 13 u 16.

95 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Fond Ewropew ġdid għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Ġunju 2019.

**82** Il-Programm LIFE[96] huwa l-għodda tal-UE li l-għan tagħha huwa li b'mod aktar speċifiku tappoġġa lill-proġetti ambjentali. Mill-2014 'il hawn, il-Programm LIFE ħoloq Proġetti Integrati li l-għan tagħhom huwa li b'mod speċifiku jappoġġaw, b'ammonti ogħla ta' finanzjament, lill-Istati Membri tal-UE biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika. Tlieta mill-erba' Stati Membri li saritilhom żjara ppromwovew tali proġetti b'azzjonijiet ta' protezzjoni tal-baħar: LIFE-IP Intemares fi Spanja; LIFE IP Marine Habitats fi Franza; u LIFE-IP Azores Natura fil-Portugall. Fl-erba' Stati Membri li żorna, aħna sibna eżempji tajba ta' proġetti relatati mal-protezzjoni tal-baħar li rċevew finanzjament mill-Programm LIFE tal-UE; rajna wkoll użu tajjeb ta' finanzjament minn Interreg. Il-***Kaxxa 10*** tagħti eżempji fejn il-finanzjament mill-UE kien għamel differenza.

[96] Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013.

## Kaxxa 10

### Il-finanzjament mill-UE jista' jagħmel differenza

Fl-Arċipelagu tal-Berlengas (sit ta' Natura 2000 fil-Portugall), l-UE kkofinanzjat il-**proġett LIFE Berlengas** (b'madwar EUR 0.7 miljun). Il-proġett kellu l-għan li jirrestawra l-popolazzjonijiet tal-għasafar tal-baħar u li jnaqqas il-qbid aċċessorju tagħhom. L-azzjonijiet kienu jinkludu l-eradikazzjoni tal-ispeċijiet invażivi (firien suwed) u l-kontroll tal-popolazzjoni tal-predaturi. Sa tmiem il-proġett, koppja ta' kanġijiet (band-rumped storm-petrels) kienu reġgħu bdew ibejtu fil-Gżira prinċipali. Il-proġett naqqas il-qbid aċċessorju tal-għasafar tal-baħar fis-sajd bit-tartarun tal-borża, bl-użu ta' tajra li kienet timita għasfur predatur. Il-kollaborazzjoni mill-qrib tal-bijoloġisti u s-sajjieda għenet biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-qabdiet aċċessorji.

**L-ewwel fellus tal-kanġu (band-rumped storm-petrel) li twieled fil-Berlengas**



© Ana Isabel Fagundes.

**"Tajra" bħala għasfur predatur**



© Elisabete Silva.

L-UE kkofinanzjat madwar EUR 3.5 miljun għall-proġett **Interreg FISHMPABLU2**, li kien jinvolvi 11-il MPA f'6 pajjiżi Mediterranji (il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja u s-Slovenja). Il-proġett kellu l-għan li jippromwovi s-sajd sostenibbli fuq skala żgħira fi ħdan l-MPAs u madwarhom, billi jittestja tipi differenti ta' miżuri (eż. l-involviment tas-sajjieda fis-sorveljanza u fil-monitoraġġ, kif ukoll fit-teħid ta' deċiżjonijiet, is-sostituzzjoni tal-irkapti tas-sajd, it-tnaqqis tal-isforz tas-sajd, eċċ.). Il-proġett ipproduċa "Sett ta' għodod ta' governanza" għal kull miżura għall-maniġers tal-MPAs u għas-sajjieda fuq skala żgħira.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**83** Dan l-awditu eżamina jekk il-qafas tal-UE li jindirizza l-pressjonijiet prinċipali fuq il-bijodiversità u l-ħabitats tal-baħar kienx ġie imfassal u applikat tajjeb fil-prattika f'partijiet magħżula tal-Atlantiku u l-Mediterran, u jekk kinux inkisbu riżultati mill-użu tal-fondi tal-UE. Korpi xjentifiċi awtorevoli identifikaw is-sajd bħala pressjoni ewlenija fuq l-ambjent tal-baħar. B'riżultat ta' dan, meta eżaminajna l-qafas ta' politika, il-finanzjament mill-UE, u l-mod kif dawn ġew applikati, aħna tajna attenzjoni partikolari għall-kwistjonijiet relatati mas-sajd.

**84** B'mod ġenerali, kien hemm qafas fis-seħħ għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, iżda l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE ma kinux ippermettew li l-ibħra jiġu restawrati għal status ambjentali tajjeb, u lanqas li s-sajd imur lura għal livelli sostenibbli fl-ibħra kollha. Aħna sibna li l-azzjoni tal-UE kienet ikkontribwiet għall-progress fl-Atlantiku fejn ħafna stokkijiet tal-ħut ġew stabbilizzati u/jew tjiebu, iżda li fil-Mediterran, ma kien hemm l-ebda sinjal sinifikattiv ta' progress.

**85** Iż-żoni tal-baħar protetti (MPAs) huma l-aktar miżuri emblematiċi ta' konservazzjoni tal-baħar. Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marittima tirrikjedi li l-Istati Membri joħolqu networks koerenti ta' tali żoni; u l-UE kellha l-objettiv li tipproteġi 10 % miż-żoni tal-baħar tagħha sal-2020. Il-valutazzjoni li wettaqna fir-rigward tar-rwol tal-MPAs hija konformi ma' dik tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, li identifikat nuqqas ta' network ta' MPAs effettiv, immaniġġjat tajjeb u konness tajjeb (ara l-paragrafi ***31*** sa ***38***). B'riżultat ta' dan, il-protezzjoni li huma pprovdew fir-rigward tal-bijodiversità tal-baħar kienet limitata.

**86** L-Istati Membri ma jistgħux jimponu restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tas-sajd lil hinn mill-ibħra territorjali mingħajr ma' jinvolvu lilhom infushom f'diskussjonijiet multilaterali. Dan jikkomplika l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar (ara l-paragrafu ***39***).

**87** Id-dritt tal-UE rigward kemm il-politika komuni tas-sajd kif ukoll il-bijodiversità tal-baħar fih dispożizzjonijiet speċifiċi intenzjonati biex jikkoordinaw il-miżuri tas-sajd mal-miżuri li jipproteġu l-ambjent tal-baħar. Aħna sibna li, fil-prattika, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tal-PKS u tal-Artikolu 15 tal-MSFD ma kinux iffunzjonaw kif kien intenzjonat fiż-żoni li eżaminajna. Dan dgħajjef il-koordinazzjoni bejn dawn l-oqsma ta' politika (ara l-paragrafi ***40*** sa ***46***).

**88** In-network Natura 2000, li ġie stabbilit permezz tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, huwa l-pedament tal-isforzi mwettqa mill-UE biex tipproteġi l-bijodiversità. Leġiżlazzjoni oħra tal-UE tinkludi dispożizzjonijiet protettivi li jirreferu għall-ispeċijiet u l-ħabitats elenkati f'dawn id-direttivi. Aħna osservajna li l-listi tal-ispeċijiet u tal-ħabitats mhedda, li nħolqu aktar minn 25 sena ilu, ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-għarfien xjentifiku reċenti. Għaldaqstant, din il-leġiżlazzjoni ma tipproteġix xi wħud mill-ispeċijiet mhedda (ara l-paragrafi *47* sa *51*).

## Rakkomandazzjoni 1 – Jiġu identifikati l-bidliet regolatorji u amministrattivi meħtieġa biex jiġu protetti l-ispeċijiet u l-ħabitats sensittivi

Biex jissaħħu r-rabtiet bejn il-politika ambjentali u dik tas-sajd, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tidentifika l-bidliet regolatorji u amministrattivi meħtieġa biex jiġu protetti l-ispeċijiet u l-ħabitats sensittivi, li t-tnejn li huma:

- jiffaċilitaw applikazzjoni aktar rapida tal-miżuri ta' konservazzjoni skont il-PKS u l-MSFD;
- jestendu l-protezzjoni għal aktar speċijiet (b'mod partikolari dawk ikklassifikati bħala f'periklu kritiku) u ħabitats fid-dawl tal-għarfien xjentifiku attwali.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022**

**89** Fl-Atlantiku, fejn il-ġestjoni tas-sajd hija marbuta ma' limiti fuq il-qabdiet permissibbli, kien hemm titjib li jista' jitkejjel fl-istokkijiet tal-ħut, u l-Kummissjoni tistenna li s-sajd sostenibbli se jkopri 99 % tal-ħatt l-art għal qabdiet li huma esklużivament tal-UE u 73 % tal-istokkijiet bijoloġiċi. Għall-istokkijiet tal-ħut fejn hemm pariri xjentifiċi disponibbli dwar l-MSY, il-bijomassa tagħhom kienet qed tiżdied. Madankollu, osservajna li għal aktar minn nofs l-istokkijiet bijoloġiċi ma kienx hemm pariri disponibbli dwar l-MSY, li ħafna stokkijiet baqgħu suġġetti għal sajd eċċessiv, u li l-objettiv ġenerali li sal-2020 l-istokkijiet kollha jinstadu b'mod konsistenti mal-pariri dwar l-MSY mhuwiex se jintlaħaq (ara l-paragrafi *52* sa *58*).

**90** Fl-2019, il-korp xjentifiku rilevanti tal-UE (STECF) wissa li s-sajd fil-Mediterran kien f'livelli li kienu darbtejn ogħla minn dawk sostenibbli (ara l-paragrafi *59* u *60*).

**91** Aħna sibna li l-azzjoni tal-UE ma kinitx ħolqot iż-żoni tas-sajd protetti tal-UE meħtieġa mir-Regolament dwar il-Mediterran tal-2006. Żoni ristretti għas-sajd għal baċiri tal-baħar jistgħu jinħolqu permezz ta' għodod oħra. Il-GFCM tippermetti wkoll li jinħolqu żoni ristretti għas-sajd fuq il-bażi ta' pariri xjentifiċi. Mill-2019 'il hawn, il-pjan pluriennali għall-Punent tal-Mediterran jipprovdi strument alternattiv għall-ħolqien taż-żoni ristretti għas-sajd. Il-pjan imexxi l-iskadenza tal-objettiv ġenerali li jinkiseb l-MSY mill-2020 għall-1 ta' Jannar 2025. Il-Kummissjoni se tevalwa l-pjan fl-2024, qrib din id-data ta' skadenza l-ġdida (il-paragrafi ***61*** u ***65***).

**92** Hemm lok għal miżuri tekniċi li jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv biex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali negattiv tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar fil-Mediterran. Il-miżuri tekniċi tal-UE applikabbli għall-Mediterran huma diffiċli biex jiġu infurzati u għadhom ma kinux suffiċjenti biex jipproteġu r-riżorsi tal-baħar. Fl-2018, il-Kummissjoni pproponiet regolament ġdid dwar il-kontroll, li jindirizza xi wħud mid-dgħufijiet magħrufa li japplikaw għas-sajd fil-Mediterran – notevolment il-monitoraġġ tal-qabdiet tal-ħut u tal-pożizzjoni tal-bastimenti (il-paragrafi ***66*** sa ***69***).

**93** Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri Mediterranji tagħha u nazzjonijiet Mediterranji oħra huma partijiet tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM). Żoni ristretti għas-sajd stabbiliti mill-GFCM ikopru madwar 1 % tal-Mediterran; u l-GFCM ipprojbiet xi tekniki tas-sajd dannużi (il-paragrafu ***70***) fl-ilmijiet kollha li huma aktar fondi minn 1 000 metru (li jirrappreżentaw 59 % tal-Baħar tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed).

**94** Il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd tal-UE u l-Iskema ta' Dħul u Ħruġ ma kinux imfassla biex iwieġbu għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-ibħra reġjonali tal-UE u ma kinux iqisu l-impatt ambjentali ta' tipi differenti ta' tekniki tas-sajd (il-paragrafi ***72*** sa ***75***).

## Rakkomandazzjoni 2 – Isir titjib fil-miżuri ta' protezzjoni fil-Mediterran

Minħabba d-degradazzjoni fit-tul tal-ekosistemi tal-baħar fil-Mediterran, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri:

- teżamina l-każ biex jiġu stabbiliti aktar żoni tas-sajd protetti fil-baċir tal-Baħar Mediterran;
- tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub u dwar il-ħtieġa għal azzjonijiet korrettivi, skont il-pjan pluriennali għall-Punent tal-Mediterran, biex ikunu jistgħu jiġu identifikati u jittieħdu azzjonijiet korrettivi.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023**

**95** Il-politiki tal-UE jiddikjaraw li jenħtieġ li l-finanzjament mill-UE jappoġġa l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. L-UE għandha bosta għodod biex tagħmel dan. Il-FEMS huwa mfassal biex jappoġġa l-objettivi tal-PKS. Il-fond jista' jappoġġa l-miżuri ta' konservazzjoni kemm direttament kif ukoll indirettament. Għall-erba' Stati Membri li saritilhom żjara, aħna nistmaw li 6 % tal-finanzjament totali li ngħata mill-FEMS u li ntuża sa tmiem l-2019 kien direttament relatat ma' miżuri ta' konservazzjoni, u 8 % oħra kienu marbuta indirettament ma' objettivi ta' konservazzjoni (il-paragrafi ***76*** sa ***79***).

**96** Il-kapaċità żejda tal-flotta tas-sajd fil-Mediterran hija fattur fis-sajd eċċessiv. Aħna osservajna li l-proposta tal-Kummissjoni għal fond ġdid għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 fil-biċċa l-kbira żammet ir-restrizzjonijiet eżistenti għall-finanzjament ta' żidiet fil-kapaċità tas-sajd (il-paragrafi ***80*** u ***81***).

**97** Il-Programm LIFE tal-UE għandu l-għan li jappoġġa lill-proġetti ambjentali, b'mod partikolari permezz ta' proġetti integrati. Interreg jista' jiffinanzja wkoll proġetti li jappoġġaw l-ambjent tal-baħar. Aħna rajna eżempji ta' użu tajjeb ta' dawn il-fondi fl-Istati Membri li żorna (il-paragrafu ***82***).

## Rakkomandazzjoni 3 – Jiżdied il-potenzjal tal-finanzjament mill-UE

Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta’ programmazzjoni li jmiss tal-FEMS, jenħtieġ li l-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tidentifika l-mod kif iżżid il-kontribuzzjoni tal-finanzjament mill-FEMS għall-objettivi ta’ konservazzjoni tal-baħar.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023**

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Samo Jereb, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta’ Ottubru 2020.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner Lehne
*Il-President*

# Annessi

## Anness I — Tekniki tas-sajd

Dan l-Anness jispjega fil-qosor il-karatteristiċi prinċipali ta' xi tekniki tas-sajd[97].



**Xibka tat-tkarkir tal-qiegħ** hija xibka f'forma ta' kon li tiġi rmunkata b'mod orizzontali (minn dgħajsa waħda jew tnejn) tul qiegħ il-baħar. Normalment, din ikollha żewġ partijiet laterali li jestendu 'l quddiem mill-fetħa u tidjieq lejn tarf ("manka") dejjaq u magħluq fejn fih jinżamm il-ħut li jinqabad. Ix-xibka hija mfassla biex taqbad speċijiet li jgħixu f'qiegħ il-baħar jew qrib tiegħu.



**Tartarun tal-borża** huwa xibka twila u ċirkolari b'qafas kemm fit-tarf ta' fuq kif ukoll fit-tarf ta' isfel. Ix-xifer ta' isfel għandu ħoloq b'wajer tal-azzar jew b'ħabel li jgħaddi minnhom, li jintużaw biex ix-xibka tinġabar flimkien fl-għamla ta' "borża" jew biex jinġibdilha l-qiegħ biex il-ħut jingħalaq ġo fiha. Ġeneralment, dan huwa l-aktar tagħmir effiċjenti għas-sajd fil-baħar miftuħ 'il bogħod mill-qiegħ.

[97] Ibbażat fuq informazzjoni mis-sit web tal-FAO.



L-**għeżul tat-tisqif** huma magħmulin minn sensiela ta' xbieki li bejn wieħed u ieħor jinżammu vertikali permezz ta' sufruni mal-linja ta' fuq ("lett") u piżijiet mal-linja ta' isfel ("kalament taċ-ċomb"). Ix-xbieki jinġarru mal-kurrent, normalment qrib is-superfiċe jew f'nofs l-ilma, u jaqbdu l-ħut mill-garġi hekk kif dawn jgħumu fihom. L-għeżul tat-tisqif jistgħu jitwaħħlu mad-dgħajsa jew jitħallew jinġarru ħielsa u jinġabru aktar tard.





**Konz** jikkonsisti f'kalament twil u bosta lettijiet iqsar ("brazzoli") li jkunu spazjati b'mod indaqs u bis-snanar fit-tarf. Dan jista' jitpoġġa jew qrib il-qiegħ jew inkella, b'mod inqas komuni, f'nofs l-ilma jew qrib is-superfiċe. It-tul tiegħu jista' jvarja minn ftit mijiet ta' metri fir-rigward tas-sajd kostali u għal aktar minn 50 km fir-rigward tas-sajd mekkanizzat u fuq skala kbira. Fil-każ ta' **konz tal-wiċċ**, il-kalament jinżamm qrib is-superfiċe jew f'ċertu fond billi jintużaw sufruni li jkunu spazjati b'mod regolari.

## Anness II — MPAs magħżula

Sottoreġjuni tal-baħar: Golf tal-Biskalja u l-Kosta Iberika (BIC); Makaroneżja (MAC); Mediterran tal-Punent (WM)

Sena: Sena li fiha ż-żona ġiet proposta bħala Sit ta' Importanza Komunitarja

**SPANJA**

| MPA Natura 2000 | | Sottoreġjun | Sena | Żona tal-baħar (ha) |
|---|---|---|---|---|
| ES1200055 | Cabo Busto-Luanco | BIC | 2004 | 7 712 |
| ES1110006 | Complexo húmido de Corrubedo | BIC | 1997 | 7 410 |
| ES6200048 | Valles submarinos del Escarpe de Mazarrón | WM | 2000 | 154 082 |
| ES0000020 | Delta de l'Ebre | WM | 2006 | 35 972 |
| ES7020017 | Franja marina Teno-Rasca | MAC (il-Gżejjer Kanarji) | 1999 | 69 490 |

**FRANZA**

| MPA Natura 2000 | | Sottoreġjun | Sena | Żona tal-baħar (ha) |
|---|---|---|---|---|
| FR5400469 | Pertuis Charentais | BIC | 1999 | 456 027 |
| FR7200811 | Panache de la Gironde et plateau rocheux de Cordouan (Système Pertuis-Gironde) | BIC | 2008 | 95 256 |
| FR9402013 | Plateau du Cap Corse | WM | 2008 | 178 265 |
| FR9301613 | Rade d'Hyères | WM | 2002 | 44 958 |
| FR9301602 | Calanques et îles marseillaises, Cap Canaille et massif du Grand Caunet | WM | 2003 | 39 512 |

**L-ITALJA**

| MPA Natura 2000 | | Sottoreġjun | Sena | Żona tal-baħar (ha) |
|---|---|---|---|---|
| IT5160002 | Isola di Gorgona - area terrestre e marina | WM | 1995 | 14 611 |
| ITB010082 | Isola dell'Asinara | WM | 2002 | 11 862 |
| IT5160018 | Secche della Meloria | WM | 2011 | 8 727 |
| ITA010026 | Fondali dell'isola dello Stagnone di Marsala | WM | 1995 | 3 442 |
| IT1344270 | Fondali Punta Mesco - Rio Maggiore | WM | 1995 | 546 |
| IT1332674 | Fondali Monte Portofino | WM | 1995 | 544 |

**IL-PORTUGALL**

| MPA Natura 2000 | | Sottoreġjun | Sena | Żona tal-baħar (ha) |
|---|---|---|---|---|
| PTCON0062 | Banco Gorringe | BIC | 2015 | 2 292 778 |
| PTCON0012 | Costa Sudoeste | BIC | 1997 | 163 870 |
| PTCON0056 | Peniche /Stª Cruz | BIC | 1998 | 5 474 |
| PTDES0001 | Ilhas Desertas | MAC (Madeira) | 1995 | 10 060 |
| PTMIG0021 | Reserva Natural Marinha do Banco D. João de Castro (Canal Terceira - S. Miguel) | MAC (l-Azores) | 1997 | 1 648 |

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

**BHDs:** Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats

**EEA:** L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

**FAO:** L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU.

**FEMS:** Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

**GES:** Status ambjentali tajjeb

**GFCM:** il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran

**ICES:** Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar

**IUCN:** Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura

**MPA:** Żona tal-baħar protetta

**MSFD:** Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina

**MSY:** Rendiment Massimu Sostenibbli

**NEAFC:** il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal

**NU:** In-Nazzjonijiet Uniti

**PKS:** Politika komuni tas-sajd

**RFMO:** Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd

**RSCs:** Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali

**STECF:** Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd

**TFUE:** It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

**UE:** L-Unjoni Ewropea

**ŻEE:** Żona Ekonomika Esklużiva

# Glossarju

**Approċċ ekosistemiku għall-ġestjoni tas-sajd:** Dan huwa approċċ integrat li jqis l-ekosistema kollha kemm hi. L-għan huwa li l-ekosistemi jinżammu f'kundizzjoni sana, nadifa, mhux tossika, produttiva u reżiljenti, biex jiġi żgurat li l-benefiċċji mir-riżorsi ħajjin tal-baħar ikunu għolja, filwaqt li l-impatti tal-operazzjonijiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar ikunu baxxi u ma jkunux ta' detriment għall-ekosistemi fil-ġejjieni.

**Bijomassa ta' stokk:** Il-piż ikkombinat tal-ħut individwali kollu fi stokk u li huwa kapaċi jirriproduċi.

**FEMS:** ilu mill-2014 l-istrument ta' finanzjament tal-UE għall-politiki marittimi u tas-sajd.

**Ħut tal-qiegħ:** Speċijiet jew grupp ta' ħut li fil-biċċa l-kbira ta' ħajjithom jgħixu f'qiegħ il-baħar jew kważi.

**Interreg:** Dan is-sett ta' programmi huwa ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u jappoġġa l-kooperazzjoni minn naħa għal oħra tal-fruntiera permezz tal-finanzjament ta' proġetti. L-għan tiegħu huwa li jindirizza b'mod konġunt l-isfidi komuni u li jsib soluzzjonijiet kondiviżi f'diversi oqsma, inkluż l-ambjent.

**Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika:** Trattat multilaterali li ġie konkluż fl-1992, taħt l-awspiċji tan-NU, dwar il-konservazzjoni tal-bijodiversità, l-użu sostenibbli tal-komponenti tagħha, u l-qsim ġust u ekwu ta' benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi.

**Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (Konvenzjoni ta' Bern):** Trattat multilaterali li ġie konkluż fl-1979, taħt l-awspiċji tal-Kunsill tal-Ewropa, dwar il-konservazzjoni ta' speċijiet ta' flora u fawna selvaġġi u l-ħabitats tagħhom, b'mod partikolari dawk li huma fil-periklu jew vulnerabbli.

**Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (Konvenzjoni ta' Bonn):** Trattat multilaterali li ġie konkluż fl-1979, taħt l-awspiċji tan-NU, dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji fil-firxa kollha ta' żoni li jgħixu fihom.

**Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar:** Trattat multilaterali li ġie konkluż fl-1982, taħt l-awspiċji tan-NU, li jistipula d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tan-nazzjonijiet fir-rigward tal-użu li huma jagħmlu mill-ibħra u l-oċeani tad-dinja u li jistabbilixxi linji gwida dwar l-ambjent u dwar il-ġestjoni tar-riżorsi naturali tal-baħar.

**Konvenzjonijiet dwar l-Ibħra Reġjonali (RSCs):** Strutturi ta’ kooperazzjoni maħsuba biex jipproteġu l-ambjent tal-baħar u li jinvolvi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ġirien li jikkondividu l-istess ilmijiet tal-baħar. L-erba’ RSCs Ewropej huma: OSPAR (il-konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal), HELCOM (il-konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent marin taż-żona tal-Baħar Baltiku), il-Konvenzjoni ta’ Barċellona (il-konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u tar-reġjun kostali tal-Mediterran), u l-Konvenzjoni ta’ Bukarest (il-konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-Baħar l-Iswed).

**LIFE:** ilu mill-1992 l-istrument ta’ finanzjament tal-UE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika.

**Limiti bijoloġiċi sikuri:** Sett ta’ parametri li, jekk jiġu rispettati fil-ġestjoni ta’ stokk ta’ ħut, jiżguraw probabbiltà baxxa li l-istokk jinqered, iżda huma inqas ristretti mill-MSY.

**Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs):** Organizzazzjonijiet internazzjonali ffurmati minn pajjiżi b’interessi fis-sajd f’żona partikolari. L-RFMOs jimmaniġġjaw kemm speċijiet migratorji ħafna (bħall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku) kif ukoll l-istokkijiet tal-ħut skont iż-żona ġeografika (bħall-NEAFC).

**Qabda totali permissibbli (TAC):** Il-volum massimu li jista’ jinqabad minn stokk ta’ ħut kull sena skont il-politika komuni tas-sajd.

**Reġim tal-isforz tas-sajd:** Approċċ għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut billi jiġu imposti limiti fuq l-isforz tas-sajd.

**Rendiment massimu sostenibbli (MSY):** Il-kwantità massima ta’ ħut li tista’ tinqabad kontinwament skont kundizzjonijiet eżistenti mingħajr ma jitnaqqas l-istokk.

**Sforz tas-sajd:** Miżura ta’ attività tas-sajd li tieħu kont tal-kapaċità ta’ bastiment jew ta’ flotta u tal-għadd ta’ jiem użati għas-sajd.

**Skema ta’ dħul/ħruġ:** Qafas legali għall-ġestjoni tad-daqs tal-flotta tas-sajd tal-UE f’konformità ma’ limiti massimi speċifikati, inkluż billi jiġi żgurat li l-Istati Membri ma jistgħux iżidu bastimenti ġodda mingħajr ma jieħdu inkunsiderazzjoni l-kapaċità irtirata.

**Speċijiet pelaġiċi:** Speċijiet tal-baħar li jqattgħu l-biċċa l-kbira mill-ħin tagħhom ’l bogħod mix-xatt u minn qiegħ il-baħar.

**IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI**

**"AMBJENT TAL-BAĦAR: IL-PROTEZZJONI TAL-UE HIJA WIESGĦA IŻDA MHUX APPROFONDITA"**

<u>SOMMARJU EŻEKUTTIV</u>

I. Is-sajd jiġi tabilħaqq is-soltu identifikat fost il-pressjonijiet ewlenin fuq l-ibħra tal-UE, flimkien ma' pressjonijiet oħra bħal ħsara f'qiegħ il-baħar (li x'aktarx tiżdied mat-tkabbir f'attivitajiet marittimi oħra barra s-sajd), it-tniġġis (minn diversi attivitajiet, mill-arrikkiment u l-kontaminanti tan-nutrijenti, l-iskart fil-baħar, inklużi l-plastiks u l-mikroplastiċi, l-istorbju taħt l-ilma, eċċ.) u t-tixrid ta' speċijiet mhux indiġeni. Dawk il-pressjonijiet l-oħra jinvolvu setturi oħra ta' attivitajiet minbarra s-sajd, bħat-trasport marittimu, l-enerġija, it-turiżmu, l-agrikoltura u l-industrija. Bil-progress teknoloġiku, jinħolqu opportunitajiet ġodda għal attivitajiet marittimi eżistenti u ġodda, li jiġġeneraw kompetizzjoni akbar għall-ispazju marittimu, li huwa wkoll sors ta' pressjoni konsiderevoli fuq l-ambjent tal-baħar.
Fl-aħħar nett, it-tibdil fil-klima għandu impatt negattiv ġenerali – permezz taż-żieda fil-livell tal-baħar, id-deossiġenazzjoni, l-aċidifikazzjoni u t-tisħin tal-oċeani – fuq l-oċean, il-bijodiversità, l-ekosistemi kostali u tal-baħar u s-servizzi li jagħtu. Huwa għalhekk li huwa biss approċċ olistiku u integrat, li jinkludi l-attivitajiet kollha u li jindirizza l-pressjonijiet kollha f'kuntest ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni msaħħa u governanza mtejba, ġewwa u barra l-UE, li jista' jagħmel differenza. Madankollu, għandu jiġi nnutat ukoll li l-ibħra huma wkoll sors importanti ta' ikel bnin li huwa vitali għan-nies u għall-ekonomija.

III. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza tal-ħidma tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u tenfasizza l-importanza kruċjali tal-qafas globali tal-bijodiversità għall-qafas ta' wara l-2020 tal-bijodiversità dinjija u l-ħtieġa għal miri ambizzjużi u realistiċi, li jimbuttaw l-azzjoni, inkluż fir-rigward tal-bijodiversità tal-baħar u tal-kosta.

IV. Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu I.

V. Il-Kummissjoni tifhem li "l-azzjonijiet tal-UE" jinkludu azzjoni mill-Istati Membri u r-responsabbiltà tagħhom li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet mil-leġiżlazzjoni ambjentali u tas-sajd.

Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi IV u VI.b).

Minbarra l-progress sinifikanti li sar fl-Atlantiku tal-Grigal, il-Kummissjoni tenfasizza l-isforzi u l-kisbiet reċenti fil-Mediterran.

Bl-istess mod, indikaturi bbażati fuq mudelli ta' sajd sostenibbli (Xejriet stmati fil-bijomassa tal-istokkijiet tal-ħut u stokkijiet tal-ħut ivvalutati li jaqbżu l-mortalità mis-sajd b'rendiment massimu sostenibbli) jipprovdu stampa aħjar għall-Atlantiku tal-Grigal, filwaqt li d-*data* għal ilmijiet oħra tal-UE bħall-Mediterran jew il-Baħar l-Iswed għadhom mhumiex robusti biżżejjed biex jiġu kkunsidrati għall-monitoraġġ.

Dwar l-aspetti tal-FEMS, il-Kummissjoni tinnota li huwa f'idejn l-Istati Membri li jimmiraw/jagħmlu użu mill-fondi disponibbli tal-UE.

VI. a) Kif rifless fir-rapport ta' implimentazzjoni reċenti tal-MSFD (COM(2020) 259) u fl-evalwazzjoni tal-"Kontroll tal-Idoneità" tad-Direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, l-isfidi ewlenin biex jinkiseb status ambjentali/ta' konservazzjoni tajjeb huma marbuta ma' <u>lakuni fl-</u>

implimentazzjoni u nuqqas ta' ambizzjoni u riżorsi, aktar milli problemi sinifikanti fil-qafas ta' politika.

Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 16 u 20 tar-rapport.

Il-Kummissjoni qed tibda l-evalwazzjoni u r-reviżjoni possibbli tal-MSFD u se tesplora l-eżistenza ta' lakuni fil-politika.

Il-Kummissjoni taqbel li l-effettività taż-żoni protetti tal-baħar u l-koerenza tan-networks tagħhom jeħtieġ li jittejbu u dan huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istrateġija l-ġdida għall-Bijodiversità.

b) Il-Kummissjoni tinnota li sar progress sinifikanti fl-Atlantiku tal-Grigal u l-istat tal-istokkijiet tal-ħut tjieb b'mod sinifikanti. Filwaqt li fl-2009 kellna biss ħames (5) qabdiet totali permissibbli (TAC) sostenibbli stabbiliti f'konformità mar-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY), fl-2020 dan l-għadd żdied għal 62 TACs.

Għad fadal biss ftit stokkijiet li jsir sajd eċċessiv għalihom u hawnhekk il-Kummissjoni qed taħdem flimkien mal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) biex issawwar stampa xjentifika aktar sħiħa dwar l-istat tal-istokk sabiex tittejjeb il-ġestjoni ta' dawn l-istokkijiet.

c) Filwaqt li l-istat tal-istokkijiet fil-Mediterran huwa affettwat minn rati għolja ta' sajd, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat il-kuntest ġenerali, speċjalment fl-isfond tal-inizjattiva politika l-ġdida mnedija bid-Dikjarazzjoni MedFish4Ever tal-2017 u l-għadd kbir ta' miżuri ġodda ta' ġestjoni adottati fil-livell tal-baċin permezz tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM). Madankollu, dawn il-miżuri huma riċenti u hemm bżonn ta' aktar żmien biex dawn isarrfu fi stat imtejjeb tal-istokkijiet tal-ħut.

L-isforz tas-sajd huwa wieħed mill-lievi tal-ġestjoni tas-sajd fil-Mediterran, iżda mhux l-uniku wieħed. Ir-Regolament dwar il-Mediterran b'mod partikolari jipprovdi għal regoli uniċi għall-protezzjoni tal-ħabitats u ż-żoni kostali. Il-miżuri tekniċi, previsti fir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi huma wkoll għodda importanti fil-ġestjoni tas-sajd.

d) Il-Kummissjoni tinnota li l-FEMS huwa l-istrument li jappoġġja l-politika komuni tas-sajd u l-kisba tal-objettivi kollha tagħha, jiġifieri li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sajd. F'dan l-ambitu, huwa jappoġġa l-bijodiversità u l-ambjent tal-baħar b'mod attiv, kif ukoll il-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata mis-settur tas-sajd.

VII. Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-ECA.

INTRODUZZJONI

01. L-UE tippromwovi wkoll il-kooperazzjoni reġjonali għall-użu sostenibbli tal-oċean taħt l-istrateġiji tal-baċiri tal-baħar (jiġifieri l-Istrateġija Marittima tal-Atlantiku, l-inizjattiva WestMed u l-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed) kif ukoll l-istrateġiji makroreġjonali.

05. Filwaqt li l-UE għandha kompetenza esklussiva fejn tidħol il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, il-Kummissjoni hija fl-istess ħin ristretta fis-setgħat tagħha, inkluż mis-sistema ta' rakkomandazzjonijiet konġunti li l-Kummissjoni tista' jew taqbel maagħhom jew tirrifjutahom. Huwa ċar li l-PKS għandha bħala objettivi mhux biss l-għanijiet ambjentali, iżda wkoll dawk soċjoekonomiċi.

07. Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu I (sommarju).

09. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 84.

10. Il-PKS hija waħda mill-politiki komuni tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 39(1)(d) u (2) (c) TFUE, hija għandha l-għan li tiżgura li s-sajd u l-akkwakultura jkunu, għat-tul, sostenibbli fejn jidħol l-ambjent, kif ukoll ekonomikament u soċjalment, u li jkunu jipprovdu sors ta' ikel tajjeb għas-saħħa għaċ-ċittadini tal-UE.

11. Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li:

1) Biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd ikunu bbażati fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, huwa meħtieġ ġbir estensiv ta' *data*. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri huma obbligati li jiġbru d-*data* permezz tal-Qafas għall-Ġbir tad-*Data*. Din id-*data* mbagħad tintuża minn korpi konsultattivi xjentifiċi biex joħorġu pariri xjentifiċi li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-proposti tagħha, inkluż għall-istabbiliment tal-opportunitajiet annwali tas-sajd.

2) Ix-xjenzati għadhom mhumiex f'pożizzjoni li jipprovdu parir dwar ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-każ tal-istokkijiet kollha. Fil-każ ta' għadd limitat ta' stokkijiet dan huwa minħabba n-nuqqas ta' *data* suffiċjenti (b'mod partikolari fejn jidħlu l-ispeċijiet tal-baħar fond jew fil-Mediterran), u parzjalment minħabba kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni xjentifika nnifisha, spiss relatata mal-limitazzjoni ta' riżorsi esperti. Is-sitwazzjoni tjiebet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin iżda qed isir sforz għal aktar titjib, b'finanzjament taħt il-FEMS.

3) Valutazzjoni ex-post tal-kisba tal-Fmsy tal-istokkijiet kollha tal-ħut sal-2020 se tkun possibbli biss abbażi tad-*data* finali dwar il-qabdiet tal-2020.

4) Huwa mistenni li f'aktar minn 99 % tal-ħatt l-art fil-Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku ġestiti esklussivament mill-UE se jsir sajd f'livelli sostenibbli fl-2020.

5) Hemm għadd ta' stokkijiet, fejn il-kisba tal-MSY mhux se tkun possibbli għall-2020, u li huma kondiviżi ma' stati oħra. Fejn l-istokkijiet jiġu kondiviżi ma' pajjiżi mhux tal-UE, il-kisba tal-MSY tqajjem sfidi speċifiċi peress li tirrikjedi li l-pajjiżi mhux tal-UE jikkondividu l-għan u jaqblu dwar il-modalitajiet biex dan jinkiseb.

13. Fil-livell tal-UE, il-ġestjoni tas-sajd fil-Mediterran ħafna drabi tiddependi fuq reġimi ta' sforz aktar milli fuq it-TACs, għalkemm hemm ukoll skemi bbażati fuq it-TAC fil-każ ta' xi tip ta' sajd importanti (eż. is-sajd għat-tonn). Il-pjan ta' ġestjoni pluriennali (MAP) tal-Mediterran tal-Punent tal-2019 għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ, li huwa l-ewwel MAP tal-UE fil-Mediterran, japprova dan l-approċċ ibbażat fuq l-isforzi.

Huwa importanti wkoll li tiġi rikonoxxuta l-ispeċifiċità tal-leġiżlazzjoni tas-sajd tal-UE għall-Mediterran, MedReg, li tipprevedi l-protezzjoni taż-żoni kostali u l-ħabitat sensittiv, għall-kuntrarju ta' baċini tal-baħar oħrajn.

16. L-evalwazzjoni tal-"Kontroll tal-Idoneità" tad-Direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u l-Ħabitats ikkonkludiet li dawn għadhom rilevanti ħafna u huma adatti għall-iskop tagħhom. Madankollu, il-kisba sħiħa tal-objettivi tagħhom se tiddependi fuq titjib sostanzjali fl-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri u f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Abbażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni implimentat "Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija", li kellu l-għan li jindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u jtejjeb il-koerenza tad-Direttivi ma' objettivi soċjoekonomiċi usa'. L-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030, adottata f'Mejju 2020, hija mistennija li tagħti impetu ġdid għall-implimentazzjoni tad-direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats.

20. Bl-MSFD, l-UE għandha politika tal-baħar olistika u komprensiva fis-seħħ li timplimenta fil-prattika l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem fl-ibħra tal-

Ewropa. L-MSFD tipprovdi l-istruttura għall-istabbiliment tal-istrateġiji tal-baħar meħtieġa biex jiġi segwit status ambjentali tajjeb fl-ilmijiet tal-baħar tal-UE, inkluża ż-żamma tal-bijodiversità fl-ekosistemi kollha tal-baħar. L-Istati Membri jistabbilixxu l-livell ta' ambizzjoni u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan. Il-miżuri stabbiliti kif ukoll il-livell ta' ambizzjoni tal-istrateġiji tal-Istati Membri jistgħu jiġu rfinati.

24. Il-Kummissjoni tinnota li l-FEMS huwa l-istrument li jappoġġja l-politika komuni tas-sajd u l-kisba tal-objettivi kollha tagħha, jiġifieri li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sajd. F'dan l-ambitu, huwa jappoġġa l-bijodiversità u l-ambjent tal-baħar b'mod attiv, kif ukoll il-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata mis-settur tas-sajd.

<u>AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR</u>

25. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 84.

<u>OSSERVAZZJONIJIET</u>

30. Fir-rigward tat-titolu, il-Kummissjoni tqis li l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar tibbenefika mit-titjib fl-"implimentazzjoni" tal-politiki tal-UE, kif diġà rifless fir-rapport ta' implimentazzjoni tal-MSFD jew il-"Kontroll tal-Idoneità" tad-Direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, fost oħrajn. Fil-fatt, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030 li għadha kif ġiet adottata titlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki ambjentali u tas-sajd.

Il-Kummissjoni tieħu nota ta' dawn l-osservazzjonijiet fid-dawl tal-evalwazzjoni li jmiss tal-MSFD.

31. Il-Kummissjoni tqis li l-istabbiliment u l-ġestjoni effettiva ta' netwerks ta' żoni protetti tal-baħar se jgħinu fil-konservazzjoni ta' bijodiversità rikka u spiss unika tal-baħar . Il-Kummissjoni hija konxja li bħalissa n-netwerk tal-MPA fl-ilmijiet tal-UE mhuwiex ekoloġikament rappreżentattiv.

Il-ġestjoni effettiva taż-żoni protetti tal-baħar u l-espansjoni tagħhom biex jinħoloq netwerk tal-UE verament koerenti huma waħda mill-miri ewlenin tal-istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2030.

32. Id-deżinjazzjoni tal-MPAs ma għandhiex twassal għal restrizzjoni totali tal-attivitajiet tal-bniedem, iżda pjuttost l-istabbiliment ta' miżuri ta' ġestjoni effettivi skont l-objettivi ta' konservazzjoni taż-żoni u abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Dan jista' jwassal biex jiġu ristretti l-attivitajiet tas-sajd biss meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-karatteristiċi naturali, li huma s-suġġett ta' protezzjoni.

Il-Kummissjoni tenfasizza li ż-Żoni Protetti tal-Baħar jistgħu jinkludu ħafna miżuri oħra ta' konservazzjoni li mhumiex marbuta mas-sajd.

34. Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 32.

36. Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 32.

L-MPAs huma wkoll waħda mill-għodod li jżidu r-reżiljenza tal-ekosistemi għall-fatturi ta' stress, inkluż għat-tibdil fil-klima. MPAs identifikati, ġestiti u infurzati sew jistgħu jipprovdu benefiċċji billi jżidu l-bijomassa tal-ħut u l-bijodiversità. Barra minn hekk, is-sostenibbiltà soċjoekonomika u l-interess pubbliku prevalenti għandhom ukoll rwol meta tittieħed deċiżjoni dwar l-attivitajiet.

**Kaxxa 3 - Żoni tal-baħar protetti (MPAs) u l-protezzjoni mis-sajd**

Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 32 u 36.

39. Il-miżuri ta' konservazzjoni fl-MPAs jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq is-sajd jekk dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' konservazzjoni. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 32 u 36.

41. Il-PKS tipprovdi diversi għodod biex jittieħdu l-miżuri relatati mas-sajd meħtieġa għall-konformità mal-obbligi ambjentali. Skont il-PKS huwa possibbli wkoll, eż. li jiġu stabbiliti żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut.

42. Il-Kummissjoni tqis li l-PKS attwali tipprovdi l-għodod meħtieġa biex l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ambjentali.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' konservazzjoni applikabbli għall-bastimenti tagħhom u miżuri ta' konservazzjoni li jistgħu jaffettwaw bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra fi ħdan it-12-il mil tagħha abbażi tal-Artikolu 20 tal-PKS.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jimmiraw ukoll għal Rakkomandazzjoni Konġunta reġjonali. Aħna nirrikonoxxu li l-adozzjoni ta' tali rakkomandazzjoni tista' tikkomplika ruħha jew minħabba n-nuqqas ta' kapaċità min-naħa tal-Istati Membri jew inkella minħabba sfidi fil-konsultazzjonijiet bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Biex tiffaċilita dan il-proċess, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' gwida, organizzat sessjonijiet ta' ħidma u qajmet kuxjenza fil-livell politiku.

Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li hemm eżempji ta' implimentazzjoni b'suċċess tal-Artikolu 11 fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana.

**Kaxxa 4 - Eżempju tad-diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-PSK**

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-proċess biex jintlaħaq qbil dwar Rakkomandazzjoni Konġunta jista' jieħu ż-żmien. Madankollu, ir-responsabbiltà li jiġu promulgati miżuri ta' konservazzjoni u protezzjoni mhijiex limitata għall-Istat Membru kostali jew għall-Istat Membru li jospita ż-Żoni Protetti tal-Baħar. Madankollu, anki fin-nuqqas ta' limitu ta' żmien, l-Istati Membri l-oħra għandhom, f'konformità mal-prinċipji ta' kooperazzjoni sinċiera, jikkooperaw fl-osservanza ta' tali dmirijiet.

43. Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 42.

46. Il-Kummissjoni segwiet il-proċedura mitluba mill-MSFD Art.15. Madankollu, minn dak iż-żmien 'l hawn, ma kien hemm l-ebda sottomissjoni ta' talbiet ulterjuri fl-istanzi neċessarji (eż. l-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd jew l-Artikolu 11 tal-PKS).

Irid jiġi osservat li dan huwa l-uniku każ li fih ġie invokat l-Art.15 tal-MSFD. Ir-rieżami tal-MSFD se tagħti attenzjoni għan-nuqqasijiet possibbli ta' dan il-proċess partikolari.

48. Anki meta speċi ma tkunx elenkata fl-annessi tad-Direttivi, in-netwerk Natura 2000, permezz tal-"effett umbrella" tiegħu, ikopri proporzjon għoli ta' speċijiet li dwarhom ikun hemm attenzjoni fejn tidħol konservazzjoni lil hinn minn dawk elenkati fl-Annessi. Barra minn hekk, dawn id-direttivi għandhom jinqraw flimkien mal-MSFD, li d-dispożizzjonijiet tagħha jippermettu lill-Istati Membri jipproteġu l-ispeċijiet u l-ħabitats tal-baħar kollha, mingħajr il-ħtieġa li jirreferu għal kull speċi individwali.

Id-Direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u dwar il-Ħabitats (BHDs) ġew soġġetti għal evalwazzjoni REFIT bir-reqqa li kkonkludiet fl-2016 li huma adatti għall-iskop tagħhom iżda l-implimentazzjoni tagħhom jeħtieġ li tittejjeb, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni ta' objettivi ta' konservazzjoni u pjanijiet ta' ġestjoni speċifiċi għas-sit.

Huwa għalhekk li l-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tagħti spinta lill-implimentazzjoni tad-direttivi u tespandi n-netwerk tal-MPAs.

49. Madankollu, il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar mill-BHDs għandha tiġi interpretata b'mod konġunt mal-MSFD.

51. Fil-fehma tal-Kummissjoni, kwalunkwe tqabbil bejn baċiri tal-baħar differenti għandu jsir b'kawtela minħabba sitwazzjoni ġeografika differenti kif ukoll minħabba t-tipi differenti ta' sajd li jseħħ fihom. L-għeluq ta' qasam vast ta' oċeani mingħajr attività ekonomika għandu inqas implikazzjonijiet soċjoekonomiċi. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jaħtru u jiġġestixxu MPAs u li l-MPAs ma jkunux l-unika għodda għall-protezzjoni tal-ispeċijiet jew tal-ħabitats - xi drabi l-miżuri orizzontali jkunu aktar effettivi, speċjalment fil-każ ta' speċijiet li jagħmlu migrazzjoni qawwija, bħall-klieb il-baħar. Il-PKS tipprovdi diversi għodod għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ispeċijiet tal-baħar inklużi l-klieb il-baħar.

52. Rigward l-intestatura tat-taqsima, il-Kummissjoni tqis li kien hemm progress sinifikanti fl-Atlantiku u għaddejjin sforzi konsiderevoli fil-Mediterran.

Il-Kummissjoni tikkondividi l-fehma tal-QEA li l-eżistenza ta' sistema effettiva ta' kontroll tas-sajd hija essenzjali biex jiġi żgurat sajd sostenibbli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għamlet proposta (COM(2018) 368) biex tkompli ssaħħaħ il-kontroll u l-infurzar tas-sajd, li bħalissa qed tiġi diskussa mill-koleġiżlaturi.

54. Il-Kummissjoni tfakkar li sar progress sinifikanti fl-Atlantiku tal-Grigal u l-istokkijiet tal-ħut tjiebu b'mod sinifikanti. Huwa mistenni li f'aktar minn 99 % tal-ħatt l-art fil-Baltiku, fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Atlantiku li huma ġestiti esklussivament mill-UE se jibda jsir sajd f'livelli sostenibbli fl-2020.

Fir-rigward ta' sinjali ta' progress fil-Mediterran, il-Kummissjoni tfakkar fl-istrateġija ambizzjuża adottata fl-2017, li tibda bid-Dikjarazzjoni MedFish4Ever li wasslet għall-adozzjoni ta' għadd kbir ta' miżuri fil-livell tal-GFCM u l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Mediterran tal-Punent. Dawn il-miżuri għad iridu jipproduċu riżultati kwantifikati f'termini ta' titjib tal-istat tal-istokkijiet, peress li m'ilhomx li ġew adottati.

55. Il-Kummissjoni tqis li l-għadd ta' qabdiet totali permessi (TACs) stabbiliti f'konformità mal-parir dwar ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) żdiedu matul l-aħħar għaxar snin minn ħames (5) TACs tal-MSY fl-2009 għal 62 TACs stabbiliti f'konformità mal-MSY fl-2020.

58. L-osservazzjoni f'dan il-paragrafu tirreferi għall-istokkijiet, li huma qabdiet inċidentali f'tipi oħra ta' sajd li jsir f'livell li ma jagħmilx ħsara. Ir-Regolament Bażiku tal-PKS kif ukoll il-pjanijiet Pluriennali tal-Ilmijiet tal-Punent u tal-Baħar tat-Tramuntana jistipulaw li l-hekk imsejħa sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti, fejn is-sajd li ma jagħmilx ħsara jingħalaq, minħabba li jsiru qabdiet inċidentali ta' ħut ieħor fejn l-ICES ikun jirrakkomanda livell aktar baxx ta' qbid jew l-ebda qbid, għandhom jiġu evitati. Għalhekk kien f'dan il-kuntest speċifiku ħafna fejn il-Kummissjoni pproponiet TACs ogħla mill-parir xjentifiku.

**Kaxxa 9 - Xi studji kkritikaw il-limiti ta' qbid tas-sajd stabbiliti fl-Atlantiku**

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 58.

59. Fir-rigward tal-intestatura ta’ din it-taqsima, il-Kummissjoni tqis li l-ħafna inizjattivi li ttieħdu f’dawn l-aħħar ftit snin fil-Mediterran għad għandhom bżonn iż-żmien biex jissarrfu f’ċifri mtejba f’termini tal-istat bijoloġiku tal-istokkijiet.

Il-MAP tal-Mediterran tal-Punent jillustra din is-sitwazzjoni peress li l-2020 hija biss l-ewwel sena sħiħa tal-implimentazzjoni tiegħu. Il-miżuri li jdaħħal fis-seħħ se jeħtieġu ftit aktar snin qabel ma l-istat fejn jidħol l-għadd tal-istokkijiet jitjieb.

L-esperjenza fejn jidħol it-tonn tal-pinen blu tal-Mediterran turi li l-irkupru jieħu ż-żmien: L-ICCAT adottat pjan ta’ rkupru fl-2006 li wassal għall-irkupru sħiħ tal-istokkijiet fl-2017.

60. Tweġiba komuni għall-paragrafi 60 u 61.

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 13.

Fl-2017, l-STECF (PLEN-17-02) osserva li l-implimentazzjoni tat-TACs fil-Mediterran għadha ta’ sfida peress li d-*data* disponibbli mhix affidabbli biżżejjed billi l-informazzjoni dwar is-sajd hija spiss parzjali u impreċiża u s-serje kronoloġika hija relattivament qasira. Hemm kwistjonijiet addizzjonali marbuta mal-infurzar ta’ reġim ta’ ġestjoni bbażat fuq il-kontrolli tal-output (TACs) fil-Mediterran. Il-kwistjoni ewlenija hija d-diffikultà biex jiġu mmonitorjati u kkontrollati l-qabdiet tal-flotot numerużi. Is-sajd għall-ħut tal-qiegħ għandu fil-mira tiegħu taħlita ta’ speċijiet ta’ spiss mingħajr xi speċi waħda li tiddomina b’mod ċar. Il-ħatt l-art isir f’numru estremament kbir ta’ portijiet u postijiet tal-ħatt l-art u s-sajd huwa ddominat minn sajd fuq skala żgħira li diffiċli l-qabdiet tiegħu jiġu kkwantifikati.

62. Fejn tidħol id-disponibbiltà tad-*data*, il-Kummissjoni tagħmel sforzi msaħħa biex tinvolvi ruħha mal-utenti aħħarin rilevanti, inklużi l-RFMOs fir-reġjun biex tiżgura koordinazzjoni xjentifika adegwata u titjib tal-parir xjentifiku.

Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri fil-Baħar Mediterran biex tkompli ttejjeb il-ġbir tad-*data*, il-kwalità tad-*data*, il-valutazzjoni tal-istokkijiet u l-pariri xjentifiċi.

Dan l-aħħar il-Kummissjoni wettqet sensiela ta’ awditi fil-Mediterran biex tivvaluta s-sistemi ta’ rappurtar tal-qbid tal-Istati Membri. Wara dawn l-awditi, il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati stabbilew pjani ta’ azzjoni biex isaħħu s-sistemi ta’ rappurtar tal-qabdiet u b’hekk itejbu l-affidabbiltà tad-*data*. Il-Kummissjoni qed timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tal-pjani ta’ azzjoni. Għall-2021 hemm skedat li jsir awditu tas-sistemi ta’ ġestjoni tal-isforzi tas-sajd tal-Istati Membri fil-Mediterran.

Fir-rigward tal-opinjoni tal-STECF tal-2017 dwar id-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data*, għandu jiġi nnutat li din l-analiżi kienet ibbażata fuq settijiet ta’ *data* tal-2016. Minn dakinhar, ġew akkumulati tliet (3) sena oħra ta’ *data* u b’hekk is-serje kronoloġika twalet (2017-2019) u l-pariri tjiebu b’mod kostanti (anki skont ir-rapport annwali tal-GFCM (SoMFi)) għalkemm għad fadal xi sfidi.

63. L-STECF ikkonkluda li ħafna pjanijiet ta’ ġestjoni nazzjonali ma kinux allinjati mal-objettiv tal-MSY tal-PKS u li ma kienx probabbli li joħolqu l-kundizzjonijiet biex jintlaħaq l-MSY fl-2020. Il-Kummissjoni hija konxja li xi wħud minn dawn il-pjanijiet ta’ ġestjoni nazzjonali jeħtieġ li jkunu aktar ambizzjużi, u allinjati mal-objettivi tal-PKS. Il-Kummissjoni qed taħdem mal-Istati Membri, ispirati mid-Dikjarazzjoni Medfish4Ever, lejn dan it-titjib, b’xi suċċessi notevoli (eż. il-pjan Taljan dwar is-sajd għall-ħut tal-qiegħ, rivedut fl-2019, fuq talba tal-Kummissjoni b’limitazzjonijiet sostanzjali tal-isforz).

Rigward ir-rimarka li wħud mill-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali huma assoċjati ma' talbiet għal deroga, ta' min jinnota li dan huwa rekwiżit mill-MedReg. Ma tista' tingħata l-ebda deroga, pereżempju, mill-projbizzjoni li jsir sajd fiż-żoni kostali jekk ma jkunx hemm pjan ta' ġestjoni.

64. Ir-Regolament tal-Mediterran mhuwiex l-unika bażi legali biex jiġu stabbiliti żoni protetti bħala elementi rilevanti taħt il-MAP il-ġdid tal-Mediterran tal-Punent (fis-sens ta' għeluq spazjutemporali) u jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll dispożizzjonijiet marbuta maż-żoni ristretti tas-sajd jew ma' restrizzjonijiet spazjutemporali adottati skont il-GFCM (eż. iż-żona ristretta tas-sajd fil-Golf ta' Lion).

Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li taħt il-MedReg huwa f'idejn il-Kunsill li jadotta żoni ristretti għas-sajd (FRA), abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu naturalment jistabbilixxu aktar FRAs fuq dik il-bażi.

65. Wieħed mill-objettivi tal-MAP tal-Mediterran tal-Punent huwa li jtejjeb il-ġbir tad-*data* u tal-pariri xjentifiċi fiż-żona. Dan l-appoġġ xjentifiku mtejjeb se jappoġġa l-evalwazzjoni tal-pjan skedat għall-2024.

67. Dan ir-rapport trijennali se jivvaluta kemm il-miżuri tekniċi fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni jkunu kkontribwew fil-kisba tal-objettivi (l-Artikolu 3) u l-miri (l-Artikolu 4) ta' dan ir-regolament. Peress li l-filosofija ġenerali ta' dan ir-regolament hija li tippermetti approċċ minn isfel għal fuq fir-rigward tal-ispeċifiċitajiet tekniċi fil-livell reġjonali filwaqt li tiżgura l-kisba ta' objettivi u għanijiet komuni, din id-dispożizzjoni ta' rappurtar hija essenzjali għall-implimentazzjoni tar-regolament. Għalhekk, jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ sistema li timmonitorja l-progress u tippromwovi azzjonijiet korrettivi jekk il-progress ma jkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-miri u l-objettivi stabbiliti fir-regolament.

Skont l-Artikolu 31(3), fejn ir-rapport imsemmi hawn fuq isib li l-objettivi u l-miri tar-Regolament ma jkunux intlaħqu fil-livell reġjonali, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom, fi żmien 12-il xahar wara l-preżentazzjoni tar-rapport jippreżentaw pjan li jistabbilixxi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jikkontribwixxu għall-kisba ta' dawk l-objettivi u l-miri.

69. Sistema ta' kontroll effettiva hija tabilħaqq kruċjali biex jiġi żgurat li s-sajd tal-UE jiġi ġestit b'mod sostenibbli. Fost l-oħrajn, il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi riveduta s-sistema ta' kontroll tas-sajd fiha miżuri biex jissaħħu s-sistemi tad-*data* dwar is-sajd, inkluż rappurtar totalment diġitali tal-qabdiet, applikabbli għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-UE (inklużi bastimenti ta' inqas minn 12-il metru), sistema elettronika ta' traċċar għall-bastimenti kollha, proċeduri ġodda ta' użin għall-prodotti tas-sajd u dispożizzjonijiet imtejba dwar it-traċċabbiltà.

71. Huwa essenzjali li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-ġestjoni tas-sajd fil-Mediterran ma' sħab mhux tal-UE. Dan huwa essenzjalment iddettat min-natura kondiviża tal-biċċa l-kbira tal-istokkijiet, li titlob tweġiba maqbula mill-pajjiżi Mediterranji kollha. Huwa f'dan l-ispirtu li l-UE intensifikat l-attivitajiet tagħha fil-livell tal-GFCM mindu ġiet iffirmata d-Dikjarazzjoni MedFish4Ever fl-2017.

72. Il-kapaċità tas-sajd eċċessiva fil-Mediterran hija waħda mill-ħafna fatturi li jixprunaw il-livell għoli tas-sajd.

Fejn ikun hemm fis-seħħ reġim tal-isforz tas-sajd, essenzjalment ikun in-nuqqas ta' konformità mis-sajjieda li jagħmel il-kapaċità żejda fattur ta' sajd eċċessiv. Il-mekkaniżmi tal-isforz bħal dak stabbilit mill-MAP tal-Mediterran tal-Punent jippermettu li jkun hemm għadd massimu ta' jiem tas-sajd fis-sena, għal kull pajjiż, u għal kull kategorija ta' bastimenti (f'termini ta' daqs). L-għadd totali ta' jiem f'reġim ta' sforz huwa indipendenti mill-għadd ta' bastimenti li jaqsmuhom.

Il-Kummissjoni qed tagħti attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tal-MAP biex tiżgura konformità adegwata. Hija qed timmonitorja wkoll it-tnaqqis tal-kapaċità tas-sajd.

74 Skont ir-reġistru tal-flotta tal-UE, pereż. f'Lulju 2020 l-Italja kienet fil-livell ta' 95 % tal-limitu massimu tagħha kemm għall-kW kif ukoll għat-TG. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-limitu massimu għalhekk fil-fatt jipprovdi f'dan il-każ inċentiv biex tiġi ġestita l-kapaċità u biex tinżamm taħt il-limitu massimu.

75. Is-servizzi tal-Kummissjoni reċentement ikkonkludew evalwazzjoni dwar l-iskema ta' Dħul/Ħruġ (SWD (2019)311). L-evalwazzjoni sabet li l-iskema bħala tali hija adattata għall-iskop tagħha, iżda li jeżistu xi dgħufijiet fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri. L-iskema ta' dħul u ħruġ u l-limiti massimi tal-kapaċità stabbiliti fir-Regolament tal-PKS jirreferu għall-kapaċità fl-Istati Membri individwali aktar milli fil-livell tal-baċiri tal-baħar. Barra minn hekk, il-kapaċità tas-sajd titkejjel f'termini tat-tunnellaġġ gross u tal-qawwa tal-magna ta' bastiment, u ma għandha l-ebda konnessjoni mat-tipi differenti ta' tekniki tas-sajd. Dan tal-aħħar huwa rregolat minn atti legali oħra, inkluż ir-Regolament tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-GFCM jew ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi tal-2019.

L-indirizzar tal-kapaċità tas-sajd huwa wieħed mill-objettivi li l-pajjiżi tal-Mediterran impenjaw ruħhom dwarhom fid-Dikjarazzjoni MedFish4Ever, permezz tal-adozzjoni ta' pjan tal-kapaċità tas-sajd. Il-Kummissjoni bħalissa qed tirrifletti dwar l-aħjar mod kif timplimenta dan l-impenn skont il-GFCM.

77. Il-kundizzjonalitajiet tal-FEMS għandhom rwol importanti biex dan ikun jista' jaġixxi bħala strument ta' politika.

Matul l-implimentazzjoni, il-FEMS jimponi kundizzjonijiet fuq il-benefiċjarji eliġibbli qabel u wara l-applikazzjoni u t-tlestija tal-proġett, fuq il-miżuri li jistgħu jiġu implimentati, fuq l-awtorità ta' ġestjoni u s-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri u, l-aktar importanti, fuq il-politika tas-sajd tal-Istati Membri u l-mod kif din tiġi implimentata. B'dawn il-kundizzjonijiet, il-FEMS jiżgura mhux biss li l-finanzjament tiegħu ma jwassalx għal żidiet strutturali fil-kapaċità, iżda li l-pjanijiet ta' aġġustament tal-kapaċità tal-flotta jiġu implimentati fil-każ ta' flotot żbilanċjati (eż. WestMAP).

Taħt il-FEMS, l-operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment mhumiex eliġibbli għall-finanzjament.

78. Il-Kummissjoni tinnota li mill-finanzjament totali tal-FEMS għall-perjodu 2014-2020, ġew allokati EUR 5,75 biljun lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża.

79. Il-FEMS imur lil hinn mill-finanzjament esklussiv tal-ambjent tal-baħar. Huwa jappoġġa l-PKS u l-kisba tal-objettivi kollha tagħha, jiġifieri li tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll għall-iżvilupp kostali. Fi ħdan dan l-ambitu, huwa jappoġġa l-bijodiversità u l-ambjent tal-baħar b'mod attiv, kif ukoll il-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata mis-settur tas-sajd. Il-kontenut tal-programmi operattivi huwa definit fi sħubija mal-Istati Membri fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża.

81. Il-Kummissjoni tinnota li l-koleġiżlaturi introduċew għadd ta' emendi, li jintroduċu l-finanzjament mill-FEMS għal żidiet fil-kapaċità tas-sajd. Il-Kummissjoni topponi bil-qawwa tali emendi.

**Kaxxa 10 - Il-finanzjament mill-UE jista' jagħmel differenza**

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li hemm ħafna proġetti tal-FEMS, li jappoġġaw il-ġestjoni taż-żoni Natura 2000. Eżempju wieħed huwa l-proġett INTERMARES fi Spanja, fejn il-FEMS ikkontribwixxa b'EUR 11 miljun għal proġett integrat LIFE biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Azzjoni Prijoritizzata fin-netwerk tal-baħar Sġanjol ta' Natura 2000 u biex jiżgura li, mat-tlestija, Spanja jkollha netwerk konsolidat immaniġġjat b'mod effettiv ta' żoni tal-baħar Natura 2000, bil-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu IV, V u VI.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar teħtieġ approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet kollha fil-livell Ewropew u lil hinn minnu. Is-sajd huwa wieħed mill-pressjonijiet ewlenin fuq l-ambjent tal-baħar li għandu jiġi kkunsidrat f'dan il-kuntest. Ara l-paragrafu 36.

Il-Kummissjoni tifhem li "l-azzjonijiet tal-UE" jinkludu azzjoni mill-Istati Membri u r-responsabbiltà tagħhom li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet mil-leġiżlazzjoni ambjentali u tas-sajd.

84. Minbarra l-progress sinifikanti li sar fl-Atlantiku tal-Grigal, huwa wkoll importanti li jiġu rikonoxxuti l-isforzi u l-kisbiet riċenti fil-Mediterran.

Dwar l-aspetti tal-FEMS, huwa importanti li jiġi nnutat li huwa f'idejn l-Istati Membri li jimmiraw/jagħmlu użu minn, il-fondi disponibbli tal-UE.

Fir-rigward ta' sinjali ta' progress fil-Mediterran, il-Kummissjoni tfakkar fl-istrateġija ambizzjuża adottata fl-2017, li tibda bid-Dikjarazzjoni MedFish4Ever li wasslet għall-adozzjoni ta' għadd kbir ta' miżuri fil-livell tal-GFCM u l-adozzjoni tal-MAP tal-Mediterran tal-Punent. Din l-istrateġija għad trid tipproduċi riżultati kwantifikati f'termini ta' titjib tal-istat tal-istokkijiet, iżda dan huwa inevitabbli peress li dawn it-tibdiliet m'ilhomx li ġew adottati.

85. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu VI.

Il-Kummissjoni taqbel li l-effettività taż-żoni protetti tal-baħar u l-koerenza tan-netwerks tagħhom jeħtieġ li jittejbu u dan huwa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istrateġija l-ġdida għall-Bijodiversità.

87. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-progress skont l-Artikolu 11 tal-PKS kien aktar bil-mod milli mixtieq. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-PKS riformata għandha dimensjoni ambjentali ħafna aktar qawwija u għall-ewwel darba pprovdiet għal għodda bħal din (l-Artikolu 11) li tippermetti lill-Istati Membri jipproponu miżuri ta' ġestjoni tas-sajd fiż-żoni tan-Natura 2000 biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats. Il-koleġiżlaturi għażlu r-reġjonalizzazzjoni, li tippermetti approċċ aktar reġjonali sabiex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet reġjonali. In-nuqqas ta' progress ħafna drabi huwa dovut ukoll għal elementi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PKS, bħan-nuqqas ta' kapaċità fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri kif ukoll għal sfidi fil-konsultazzjonijiet bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Anki jekk l-Istati Membri jressqu l-argument li l-Artikolu 11 huwa kkumplikat biex jiġi applikat, huma xorta għandhom obbligu legali u l-għodda neċessarji biex jagħmlu dan. L-Artikolu 11 għandu għax jippermettilhom jieħdu l-miżuri meħtieġa skont il-PKS biex jikkonformaw mal-obbligi ambjentali, kif nistgħu naraw mill-eżempji ta' suċċess fl-użu tal-Artikolu 11 fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-Kummissjoni ppubblikat il-gwida rilevanti biex tagħti faċilitazzjoni lill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa f'Natura 2000 u għall-finijiet tal-MSFD. Filwaqt li żżomm f'moħħha d-dritt ta' inizjattiva tagħha, meta tiġi kkonfrontata b'każ tal-Artikolu 15 tal-MSFD, il-

Kummissjoni se tistinka biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba tal-objettivi tal-MSFD, fil-limiti tal-liġi tal-UE.

88. Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi 48 u 49.

**Rakkomandazzjoni 1 – Identifikazzjoni tal-bidliet regolatorji u amministrattivi meħtieġa għall-protezzjoni ta' speċijiet u ħabitats sensittivi**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

L-ewwel inċiż - Il-Kummissjoni qed tibda l-evalwazzjoni tal-MSFD u se tirrapporta dwar il-funzjonament tal-PKS fl-2022. Il-Kummissjoni se tippubblika wkoll pjan ta' azzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar bħala segwitu għall-Istrateġija għall-Bijodiversità. Il-Kummissjoni se tqis din ir-rakkomandazzjoni f'dan il-kuntest.

L-Istati Membri għandhom rwol importanti fit-titjib tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inklużi l-Artikoli 11 tal-PKS u 15 tal-MSFD. Il-Kummissjoni tixtieq tinnota li l-implimentazzjoni u l-infurzar imsaħħa jistgħu jkunu aktar importanti mill-bidliet leġiżlattivi.

It-tieni inċiż - Il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-ispeċijiet u l-ħabitats marini kollha huma protetti mid-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina u huwa f'idejn l-Istati Membri li jimplimentaw miżuri ta' konservazzjoni adegwati fuq il-post biex jiżguraw status ambjentali tajjeb.

Il-Kummissjoni qed tippromwovi b'mod attiv li l-Istati Membri jagħmlu aktar użu mill-approċċ reġjonalizzat sabiex jaqblu dwar aktar rakkomandazzjonijiet konġunti fejn jidħlu miżuri ta' konservazzjoni.

89. Il-Kummissjoni tfakkar li sar progress sinifikanti fl-Atlantiku tal-Grigal u l-istokkijiet tal-ħut tjiebu b'mod sinifikanti.

Il-Kummissjoni tifhem li l-osservazzjoni f'dan il-paragrafu tar-rapport tirreferi għall-istokkijiet li huma qabdiet inċidentali f'sajd ieħor li jitwettaq f'livell li ma jagħmilx ħsara. Ir-Regolament tal-PKS kif ukoll il-pjan Pluriennali tal-Ilmijiet tal-Punent u tal-Baħar tat-Tramuntana jistipulaw li l-hekk imsejħa sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti, fejn jingħalaq is-sajd li ma jagħmilx ħsara, minħabba li jkollu qabdiet inċidentali ta' ħut ieħor fejn l-ICES ikun jirrakkomanda livell aktar baxx ta' qbid jew l-ebda qbid, għandhom jiġu evitati. Għalhekk kien f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni pproponiet TACs ogħla mill-parir xjentifiku.

Hemm għadd ta' stokkijiet, fejn il-kisba tal-MSY mhux se tkun possibbli għall-2020, u li huma kondiviżi ma' stati oħra. Fejn l-istokkijiet jiġu kondiviżi ma' pajjiżi mhux tal-UE, il-kisba tal-MSY tqajjem sfidi speċifiċi peress li tirrikjedi li l-pajjiżi mhux tal-UE jikkondividu l-għan u jaqblu dwar il-modalitajiet biex dan jinkiseb.

90. Il-Kummissjoni tqis li kien hemm ħafna kisbiet reċenti f'dan il-baċir tal-baħar (eż. il-PMA tal-Mediterran tal-Punent u ħafna miżuri adottati fil-GFCM). .

Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 84.

91. Il-Kummissjoni tinnota li hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jistabbilixxi ż-żoni protetti tal-baħar taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità tiegħu flimkien mal-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa. Ir-Regolament dwar il-Mediterran ipoġġi r-responsabbiltà għall-istabbiliment ta' żoni tas-sajd protetti essenzjalment fuq l-Istati Membri. L-Istati Membri stabbilew tali "żoni protetti" permezz tal-liġi

nazzjonali. Ir-Regolament dwar il-Mediterran huwa uniku fis-sens li huwa l-uniku strument tal-PKS li jipprovdi għal restrizzjonijiet tas-sajd fiż-żoni kostali (projbizzjoni fuq it-tkarkir sa 3 nm mill-isobat ta' coast/50 m) u'l fuq minn ċerti ħabitats (eż. qigħan tal-Posidonia).

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni għall-Pjan Pluriennali għall-Mediterran tal-Punent (COM(2018) 115) kienet kompletament konformi mal-objettiv tal-MSY tal-2020, għandu jiġi enfasizzat li kien b'deċiżjoni tal-koleġiżlaturi tal-UE (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) li l-objettiv tal-MSY iddewwem sal-1 ta' Jannar 2025.

94. Kif innotat fit-tweġiba tal-Kummissjoni taħt il-paragrafu 75, jeħtieġ li jiġi mfakkar li s-servizzi tal-Kummissjoni reċentement ikkonkludew evalwazzjoni dwar l-iskema ta' Dħul/Ħruġ (SWD(2019) 311). Din l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-iskema bħala tali hija adattata għall-iskop tagħha, iżda li jeżistu xi dgħufijiet fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri. L-iskema ta' dħul u ħruġ u l-limiti massimi tal-kapaċità stabbiliti fir-regolament tal-PKS jirreferu għall-kapaċità fl-Istati Membri individwali aktar milli fil-livell tal-baċiri tal-baħar. Barra minn hekk, il-kapaċità tas-sajd titkejjel f'termini tat-tunnellaġġ gross u l-qawwa tal-magna ta' bastiment, u ma għandha l-ebda konnessjoni mat-tipi differenti ta' tekniki tas-sajd. Dan tal-aħħar huwa rregolat minn atti legali oħra, inkluż ir-Regolament tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd, ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM jew ir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi tal-2019.

**Rakkomandazzjoni 2 – Titjib fil-miżuri ta' protezzjoni fil-Mediterran**

L-ewwel inċiż - Il-Kumissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni parzjalment. Il-qafas regolatorju eżistenti jipprovdi l-għodod meħtieġa, kemm fil-livell tal-UE (ir-Regolament dwar il-Mediterran u l-MAP tal-Punent tal-Mediterran) kif ukoll fil-livell internazzjonali (il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran - GFCM). L-istabbiliment ta' FRAs fl-ilmijiet tal-UE hija primarjament kompetenza nazzjonali.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri bħalissa qed jesploraw opportunitajiet biex jippreżentaw FRAs ġodda għall-adozzjoni fil-GFCM. Qed jesploraw ukoll modi biex jissimplifikaw il-modalitajiet ta' ġestjoni għall-FRAs fil-baċir tal-Mediterran.

It-tieni inċiż - Il-Kumissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tal-MAP mill-qrib ħafna, speċjalment minn perspettiva xjentifika, u mhux se toqgħod lura milli tipproponi azzjoni korrettiva, f'konformità mal-parir xjentifiku u skont id-dispożizzjonijiet tal-MAP u tal-PKS, inkluż permezz tal-komunikazzjoni dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

**Rakkomandazzjoni 3 – Żieda fil-potenzjal tal-finanzjament mill-UE**

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Huwa importanti li wieħed jinnota li hija, fil-limiti definiti fir-Regolament tal-FEMS, deċiżjoni tal-Istati Membri dwar kif għandhom jużaw il-fondi disponibbli taħt il-pakketti nazzjonali tagħhom.

Fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-FEMS 2021-2027, il-Kummissjoni madankollu se tħeġġeġ lill-Istati Membri biex iżidu l-infiq tagħhom mill-FEMS fuq miżuri li jipproteġu l-ambjent tal-baħar. Il-FEMS se jkompli jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-PKS, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar u kostali li huma sfidi ewlenin għall-kisba ta' ibħra u oċeani b'saħħithom. Se jappoġġa wkoll azzjonijiet maħsubin biex jinkiseb jew jinżamm status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar, kif stabbiliti skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, għall-

implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tal-ispazju stabbiliti skont dik id-Direttiva, għall-ġestjoni, għar-restawr u għall-monitoraġġ taż-żoni tan-NATURA 2000 u għall-protezzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttivi dwar il-"Ħabitats" u dwar l-"Għasafar".

Madankollu, għadu kmieni wisq biex jinsiltu konklużjonijiet dwar sa liema punt il-FEMS ser jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, peress li l-Istati Membri ser jippreżentaw il-programmi futuri tagħhom fl-2021, l-2022 u possibbilment (għalkemm improbabbli) fl-2023.

Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-FEMS ma jiffinanzjax esklużivament l-ambjent tal-baħar.

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar, Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Samo Jereb, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn João Figueiredo, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Colm Friel, Maniġer Prinċipali; Michela Lanzutti u Antonella Stasia, Awdituri. Michael Pyper ipprovda appoġġ lingwistiku. Marika Meisenzahl pprovdiet appoġġ grafiku.



João Figueiredo



Colm Friel



Antonella Stasia



Michael Pyper



Marika Meisenzahl

# Kronoloġija

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Il-*Memorandum* ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda | 5.6.2019 |
| L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata) | 15.7.2020 |
| Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja | 28.10.2020 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha | 17.11.2020 |

**DRITTIJIET TAL-AWTUR**

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, pereżempju f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PDF | ISBN: 978-92-847-5473-1 | ISSN: 1977-5741 | doi:10.2865/81366 | QJ-AB-20-024-MT-N |
| HTML | ISBN: 978-92-847-5456-4 | ISSN: 1977-5741 | doi:10.2865/361435 | QJ-AB-20-024-MT-Q |

It-telfien tal-bijodiversità u tal-ħabitats tal-baħar jirrappreżenta sfida kontinwa għall-ibħra Ewropej. F'dan ir-rapport, aħna neżaminaw il-mod kif din l-isfida tiġi indirizzata mill-politiki u l-programmi ta' nfiq ewlenin tal-UE f'partijiet tal-Atlantiku u tal-Mediterran.

Filwaqt li hemm qafas fis-seħħ għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, l-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE ma kinux ippermettew li l-ibħra jiġu restawrati għal status ambjentali tajjeb u lanqas li s-sajd imur lura għal livelli sostenibbli fl-ibħra kollha. Ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni ma wasslux għall-irkupru ta' ammont sinifikanti ta' ekosistemi u ħabitats; iż-Żoni tal-Baħar Protetti jipprovdu protezzjoni limitata; id-dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni tal-politika tas-sajd mal-politika dwar il-protezzjoni tal-baħar ftit li xejn jintużaw fil-prattika; u l-fondi disponibbli li jintużaw għall-miżuri ta' konservazzjoni huma relattivament ftit.

Filwaqt li fl-Atlantiku kien hemm titjib li jista' jitkejjel f'dak li jirrigwarda l-istokkijiet tal-ħut, dan ma kienx il-każ fil-Mediterran.

Aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, flimkien mal-Istati Membri.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

CURIA RATIONUM
QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors